

# Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni

## Rapport Annwali 2005

Drittijiet fundamentali u anti-diskriminazzjoni



Impjegi & affarijiet soċjali





# Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni

Rapport Annwali  
2005

Impjiegi & affarijiet soċjali

Drittijiet fundamentali u anti-diskriminazzjoni

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq  
Taqsim D.3

Manuskritt li tlesta f'April 2005

Il-kontenut ta' din il-pubblikazzjoni mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni jew il-pożizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea, Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq.

Jekk inti interessat li tirċievi n-*news/letter* elettronika "ESmail" mid-Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq tal-Kummissjoni Ewropea, jekk jogħġbok ibgħat *e-mail* lil [empl-esmail@cec.eu.int](mailto:empl-esmail@cec.eu.int). In-newsletter hija ppublikata regolarment bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.

*Produzzjoni tar-rapport*

**Applica sprl**

*Disinn grafiku*

**Boom Boom sprl**

*Ritratti*

Paġni 5, 7, 9, 10, 12, 18, 21, 22: © Media Consulta

Paġni 25, 27, 29, 33, 34: © Carl Cordonnier, Dailylife

Paġni 36: © Il-Kummissjoni Ewropea

***Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea***

**Numru tat-telefon ġdid bla ħlas:**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu.int>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2005

ISBN 92-894-9458-1

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2005

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

*Printed in Belgium*

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA HIJLSA MILL-KLORUR



# Werrej

|  |    |
|--|----|
| <b>Introduzzjoni &gt;</b>  | 5  |
| <b>Parti I &gt; Progress fl-Implimentazzjoni ta' Ugwaljanza Razzjali u d-Direttivi ta' l-Ugwaljanza fl-Impjieg</b> | 7  |
| Leġislazzjoni u Azzjoni min-Naħa ta' l-UE  | 7  |
| Tibdil fil-Leġislazzjoni Nazzjonali  | 13 |
| Protezzjoni u Infurzar tad-Drittijiet ta' l-Individwi  | 17 |
| <b>Parti II &gt; Titjib tas-Sitwazzjoni tar-Roma fl-UE</b>   | 25 |
| In-Natura u l-Iskala ta' l-Isfida  | 25 |
| Sostenn Konċertat għal Titjib tas-Sitwazzjoni tar-Roma   | 26 |
| Programm ta' Azzjoni Komunitarja – Fokalizzazzjoni fuq ir-Roma   | 31 |





## Introduzzjoni >



Sar progress akbar fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni matul l-aħħar sena u dwar l-infurzar tad-dritt ta' kulħadd li jgħix fl-Unjoni Ewropea bi trattament ugwali.

Bosta Stati Membri ħadu miżuri sabiex il-liġijiet tagħhom ikunu konformi mad-Direttivi ta' l-UE kif miftiehem fl-2000 – id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika (2000/43/KE), li tipprojbixxi diskriminazzjoni f'bosta oqsma tal-ħajja ta' kuljum abbażi ta' oriġini ta' razza jew etnika, u d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol (2000/78/KE), li tipprojbixxi diskriminazzjoni rigward ix-xogħol u t-taħriġ abbażi ta' reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u sess. Dan jinkludi l-10 Stati Membri l-ġodda li ngħaqdu ma' l-UE f'Mejju 2004.

Il-Programm ta' Azzjoni kontra d-diskriminazzjoni ta' l-UE kompla jipprovdi sostenn għal dawn l-attivitajiet, b'mod partikolari sabiex in-nies isiru konxji mid-drittijiet u l-obbligi tagħhom taħt il-liġijiet il-ġodda u sabiex jiġu miġġielda attitudnijiet u komportamenti diskriminatorji.

Minkejja dan il-progress, id-diskriminazzjoni tkompli teżisti u jeħtieġ li jsir aktar sabiex jiġi assigurat li l-qafas legali jiġi implimentat u infurzat b'mod xieraq. Il-Kummissjoni qed tevalwa li l-liġijiet il-ġodda introdotti fl-Istati Membri huma konformi mad-Direttivi u jieħdu l-azzjonijiet neċessarji fejn ma jikkonformawx. Hija fil-proċess ukoll li tiġbor informazzjoni dettaljata mill-Istati Membri dwar kif applikaw id-Direttivi fil-5 snin matul l-adozzjoni tagħhom u tirrapporta dwar dan quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fl-2006.

Il-Kummissjoni bdiet proċess ta' konsultazzjoni dwar politika futura f'Mejju 2004, bil-pubblikazzjoni ta' *Green Paper* dwar *L-Ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni f'UE akbar*. Komunikat għandu jiġi adottat f'nofs l-2005 li jsegwi l-*Green Paper* u jippreżenta proposti għal azzjoni, inklużi l-organizzazzjoni ta' *Sena Ewropea għal Opportunitajiet Indaq* fl-2007.

Il-prijorità mogħtija mill-Kummissjoni lill-politika f'dan il-qasam ġiet riflessa mit-twaqqif ta' Grupp ġdid ta' Kummissjonarji għad-Drittijiet Fundamentali, Anti-Diskriminazzjoni u Opportunitajiet Indaq fl-2004. Presedut mill-President tal-Kummissjoni, il-Grupp huwa intenzjonat sabiex jimbotta aġenda politika u sabiex jassigura koerenza bejn inizjattivi f'dan il-qasam. Żvilupp prinċipali ieħor huwa l-pjan sabiex tiġi mwaqqfa Aġenzija ġdida għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-UE.

## IL-PROFIL TAR-RAPPORT

Dan ir-Rapport ipoġġi fil-qosor l-iżviluppi fi Stati Membri u fil-livell ta' l-UE matul l-aħħar snin fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. Huwa maqsum f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti jelenka l-ħtiġijiet li hemm fid-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika u d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol u l-azzjoni meħuda mill-Kummissjoni sabiex jiġi assigurat li l-Istati Membri jikkonformaw magħhom. Wara jirrevedi l-liġijiet il-ġodda u miżuri oħrajn introdotti mill-Istati Membri sabiex jiġu milħuqa dawn ir-rekwiżiti u jippreżenta xi eżempji ta' liġijiet li huma applikati fil-prattika.

It-tieni parti tar-Rapport teżamina s-sitwazzjoni tar-Roma fl-UE, li kollettivament jiffurmaw l-akbar minoranza etnika fl-UE. Iħares lejn xi azzjonijiet meħuda mill-UE sabiex jiġu indirizzati l-firxa ta' l-esklużjoni u d-diskriminazzjoni kontra l-komunitajiet tar-Roma madwar l-Ewropa.



## Il-konsultazzjoni futura tal-politika kontra d-diskriminazzjoni fl-UE

Il-pubblikazzjoni tal-*Green Paper* dwar l-Ugwaljanza u n-non-diskriminazzjoni f'UE akbar <sup>1</sup> bdiet proċess ta' konsultazzjoni fl-2004 dwar il-passi ulterjuri li għandhom jiġi meħuda sabiex tiġi msaħħa u estiża l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Xi 1443 risposta għall-kwestjonarju u 150 kontribuzzjoni bil-miktub ġew riċevuti mill-Istati Membri kollha, kif ukoll mir-Rumanija u mit-Turkija. Dawn ġew ippreżentati minn awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali, korpi għall-ugwaljanza, NGOs, imsieħba soċjali, esperti u membri individwali tal-pubbliku. Ir-riżultati prinċipali ġew ippreżentati fil-Konferenza dwar l-'Ugwaljanza fl-Ewropa Futura' fl-Olanda f'Novembru 2004. Dawn jinkludu dan li ġej:

- l-UE għandha tkabbar l-attivitajiet tagħha sabiex tiġġieled id-diskriminazzjoni wara t-tkabbar (skond 88% ta' dawk li rrispondew);
- l-UE għandha tiegħu azzjoni speċifika sabiex tikkumbatti s-sitwazzjoni tar-Roma fl-Istati Membri kollha;
- l-UE għandha tgħaġġel il-ġlieda tagħha kontra l-preġudizzju u d-diskriminazzjoni rigward is-sess kemm fl-Istati Membri l-ġodda u dawk 'qodma';
- aktar attivitajiet huma meħtieġa sabiex jiġi assigurat li d-Direttivi huma implimentati fil-livell nazzjonali;
- l-ostakoli prinċipali għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttivi huma l-persistenza ta' attitudnijiet u komportamenti diskriminatorji (68%), leġislazzjoni mhux kompluta (59%) u nuqqas ta' informazzjoni u kuxjenza rigward id-drittijiet u l-obbligi (48%);
- hemm rikjesta qawwija mill-NGOs u oħrajn sabiex tiġi miżjuda l-protezzjoni fil-livelli kollha sal-livell tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika, imma xi awtoritajiet nazzjonali jikkonsidraw dan bħala primatur;
- l-aktar mezz effettiv sabiex jiġu indirizzati l-problemi mhux koperti mid-Direttivi huma maħsuba bħala leġislazzjoni ulterjuri (34%), tqajjim ta' kuxjenza (32%) u azzjonijiet pożittivi (23%);
- ġie nnotat li l-konsiderazzjonijiet tan-non-diskriminazzjoni u ugwaljanza għandhom ikunu "*main-streamed*" fil-politika ta' l-UE;
- 82% ta' dawk li rrispondew qablu li għandu jkun hemm rabtiet akbar bejn l-attivitajiet tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' raġunijiet differenti, inkluż is-sess;
- 93% ta' dawk li rrispondew raw li l-ġbir ta' *data* huwa importanti għall-iżvilupp ta' politika effettiva għall-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni, għalkemm il-ħtieġa ta' protezzjoni tal-privatezza personali ġiet misfuqa;
- il-maġġoranza tar-risposti bil-miktub urew il-valur miżjud tal-fondi ta' l-UE fis-sostenn tal-politika ta' azzjoni u leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni. Il-prijoritajiet ippreferuti għas-sostenn huma l-'informazzjoni u t-tqajjim ta' kuxjenza' (60%) u l-'analiżi u l-monitoraġġ' (54%);
- kien ikkonsidrat li r-rwol tal-korpi kollha involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kien importanti, speċjalment dawk li jaħdmu ma' vittmi tad-diskriminazzjoni, u li l-parteċipazzjoni ta' awtoritajiet nazzjonali b'mod partikolari għandha tikber.

(1) [http://europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/policy/aneval/green\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/policy/aneval/green_en.htm)



# Progress fl-Implimentazzjoni ta' Ugwaljanza Razzjali u d-Direttivi ta' l-Ugwaljanza fl-Impjieg

Matul is-sena li għaddiet, sar progress sinifikanti f'numru ta' Stati Membri Ewropej fl-implimentazzjoni ulterjuri tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew orġini etnika (Direttiva 2000/43/KE) u d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (Direttiva 2000/78/KE). L-10 Stati Membri ġodda kellhom jagħmlu parti mil-liġijiet tagħhom id-Direttivi kollha sa' l-1 ta' Mejju 2004, id-data ta' meta ngħaqdu ma' l-UE, u konsegwentement, bosta liġijiet ġodda ġew adottati fix-xhur li wasslu għat-tkabbir ta' l-UE. Fl-istess fin, ittieħdu bosta miżuri mifruxa fuq diversi xhur ta' traspożizzjoni sħiħa tad-Direttivi f'bosta Stati Membri mill-15 l-oħra, fejn it-terminu għat-traspożizzjoni kien diġà għadda (19 ta' Lulju 2003 għad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew orġini etnika u t-2 ta' Diċembru 2003 għad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol).

F'numru ta' każijiet, il-liġijiet in kwistjoni jirrigwardaw id-diskriminazzjoni abbażi ta' l-età u diżabilità, fejn Stati Membri setgħu jitolbu sa tliet snin oħra sabiex jikkonformaw mad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol, wara t-terminu impost għal raġunijiet oħra. Żewġ Stati Membri, id-Danimarka u r-Renju Unit, għażlu li jieħdu sena oħra addizzjonali sabiex jimplementaw id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol rigward id-diżabilità. Ir-Regolamenti tar-Renju Unit rigward id-diżabilità daħlu fis-seħħ f'Ottubru 2004. Żewġ Stati Membri, id-Danimarka u r-Renju Unit għażlu wkoll li jieħdu sena oħra sabiex tkopri d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-età u d-diżabilità f'Diċembru 2004 u regoli ġodda dwar it-taħriġ vokazzjonali ser jiġu implimentati minn Settembru 2006. It-tliet snin addizzjonali li ġew magħżula qed jintużaw għall-età mill-Belġju, mill-Ġermanja, mill-Olanda, mill-Lżvezja u mir-Renju Unit, u Franza u l-Lżvezja għad-diżabilità u (rigward it-taħriġ vokazzjonali) fir-Renju Unit. Dawn l-Istati għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni kull sena rigward il-progress li qed jagħmlu fl-implimentazzjoni.



## LEĠISLAZZJONI U AZZZJONI MIN-NAĦA TA' L-UE

Ħarsa Lejn l-Ugwaljanza Razzjali u d-Direttivi li jistabbilixxu Qafas Ġenerali għall-Ugwaljanza fit-Trattament fl-Impjieg u fix-Xogħlijiet

### X'inhu l-iskop tad-Direttivi ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni?

Iż-żewġ Direttivi ġew adottati fl-2000 sabiex jiffissaw standards minimi komuni fil-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' orġini etnika jew razza, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentament sesswali. L-għan tagħhom huwa li jwaqqfu qafas legali ġenerali għall-ġlieda kontra dawn it-tipi ta' diskriminazzjoni u għalhekk sabiex jiġi implimentat il-prinċipju rigward it-trattament ugwali. Dawn ma jżommux lill-Istati Membri milli jipprovdu protezzjoni akbar kontra d-diskriminazzjoni milli huwa meħtieġ



mid-Direttivi. Minkejja dan, fit-traspożizzjoni tad-Direttivi, l-Istati Membri ma kinux intitolati sabiex inaqqsu l-livell ta' protezzjoni taħt il-livelli li kienu diġà jeżistu qabel.

### **Lil min tippoteġi l-leġislazzjoni Ewropea?**

Iż-żewġ Direttivi jiproteġu lil kulħadd fit-territorju ta' l-UE kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, età, orjentament sesswali jew kull diżabilità li għandhom. Dawn jinkludi persuni li m'humiex ċittadini ta' Stat Membru, imma li huma fl-UE. Kull min isofri minn diskriminazzjoni għaliex il-persuna li tkun tiddiskrimina kontribom taħseb jew tassumi li huma ta' ċerta razza, reliġjon eċċ. huwa protett ukoll, anke jekk dan m'huwiex il-każ. Dan japplika wkoll għal kulħadd li huwa diskriminat għaliex jassoċja ma' persuna ta' ċerta razza, reliġjon, orjentament sesswali eċċ.

### **Kontra xiex tippoteġi l-leġislazzjoni?**

Id-Direttivi jiproteġu lil kulħadd minn dawn il-forom ta' diskriminazzjoni:

- *Diskriminazzjoni diretta*, fejn persuna hija ttrattata anqas minn oħra, ġiet jew ser tkun ittrattata f'sitwazzjoni kumparabbli abbażi ta' raġuni waħda ta' diskriminazzjoni li hija elenkata.
- *Diskriminazzjoni indiretta*, fejn dispożizzjoni, kriterju jew prattika jidhru li huma newtrali u non-diskriminatorji fil-fatt iżzvantagġjaw lil xi ħadd ta' oriġini etnika jew razza, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali partikolari, kumparat ma' oħrajn, sakemm dan ma jkunx ġustifikat oġġettivament bi skop leġittimu u huwa mezz xieraq u neċessarju għar-riżultat ta' dan l-iskop.
- *Fastidju*, i.e. fejn komportament mhux mixtieq relatat ma' xi raġuni elenkata ta' diskriminazzjoni ssejtn *bil-għan jew l-effett* ta' ksur tad-dinjità u t-twaqqif ta' ambjent intimidanti, ostili, degradanti, umiljanti jew offensiv.
- *Struzzjoni għal diskriminazzjoni* fejn persuna oħra hija ordnata sabiex tiddiskrimina, din hija diskriminazzjoni wkoll.

Barra minn dan, min iħaddem – u oħrajn li tapplika għalihom id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol tali, bħal min jipprovdi t-taħriġ – fin-nuqqas ta' għoti ta' *akkomodazzjoni raġjonevoli għal nies b'diżabilità* jikser il-prinċipju rigward it-trattament ugwali. Dan ifisser li għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex dawk b'diżabilità jkun jista' jkollhom aċċess, jipparteċipaw, jew javvanzaw fl-impjeg, jew jagħmlu taħriġ. Min iħaddem mhux obligat sabiex jieħu xi miżuri li huma ta' piż kbir. X'inhu eżattament tali piż għandu jiġi kkunsidrat għal kull każ, wara li jiġu kkunsidrati ċ-ċikostanzi tal-każ. Fl-aħħarnett ikunu l-qrati li jiddeċiedu dwar dan. F'kull każ, il-piż ma jkunx ikkunsidrat bħala kbir wisq fejn l-Istat Membru ikun ħa miżuri li jirrimedjaw il-piż ta' min iħaddem, fosthom b'fondi allokati għal dan l-għan.

Finalment, taħt id-Direttivi, ħaddiema li jilmentaw minn diskriminazzjoni jew jibdew proċeduri legali kontra, għandhom jiġu protetti minn tkeċċija jew trattament ħażin minn min iħaddem u li jirreaġixxi kontra l-ilment. Din hija *vittimizzazzjoni* li hi illegali. Individwi huma protetti wkoll kontra l-vittimizzazzjoni barra l-isfera ta' l-impjeg taħt id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini ta' razza jew etnika.

### **Fejn u f'liema ċirkustanzi d-Direttivi jipprojbixxu d-diskriminazzjoni?**

Diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini etnika jew razza, reliġjon jew twemmin, diżabilità, età jew orjentament sesswali mhumiex legali fir-rigward ta' l-aċċess għall-impjeg, *self-employment* jew okkupazzjoni, inklużi kriterji ta' selezzjoni u reklutaġġ; aċċess għal kull tip ta' taħriġ vokazzjonali u jew pariri, inklużi esperjenza prattika tax-xogħol; impjeg u kondizzjonijiet tax-xogħol, inklużi tkeċċija u f'ħlas; u sħubija jew involviment fi trejdnjins u organizzazzjonijiet ta' ħaddiema oħrajn, assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u korpi professjonali.

Diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini etnika jew razza hija illegali wkoll rigward il-protezzjoni soċjali, inklużi s-sigurtà soċjali u l-kura tas-saħħa u vantaġġi soċjali (bħala preskrizzjonijiet b'xejn u konċessjonijiet ta' l-ivvjaġġar), edukazzjoni; u aċċess għal oġġetti u servizzi disponibbli għall-pubbliku, inkluż il-*housing*.

## Kif jista' d-dritt ta' trattament ugwali jiġi infurzat taħt id-Direttivi?

Kull min jemmen li għie diskriminat għandu jkollu aċċess għall-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi li permezz tagħhom jista' jiżgura d-drittijiet tiegħu. Il-qrati jew xi korp responsabbli ieħor għandu jikkonsidra dan il-każ (soġġett għal limiti nazzjonali ta' żmien) u jingħataw rimedji xierqa jekk tinsab li saret diskriminazzjoni. F'xi pajjiżi, hemm proċeduri speċjali li huma mmirati b'mod speċjali sabiex jiġi deċiż tilwim ta' diskriminazzjoni u f'diversi proċeduri ta' konċiljazzjoni huma disponibbli sabiex jiġu solvuti każijiet ta' tilwim. Anke jekk Stat Membru ma implimentax id-direttivi b'mod xieraq, individwi jistgħu jiġu protetti mid-dispożizzjonijiet tagħhom (ara taħt, 'protezzjoni u infurzar tad-drittijiet ta' l-individwi').



Meta jiġbu l-każ tagħhom quddiem qorti jew korp ieħor, vittmi *għandhom* id-dritt li jiġu megħjuna u assistiti minn organizzazzjonijiet li għandhom interess leġittimu fl-infurzar tal-prinċipju rigward it-trattament ugwali, per eżempju trejdnunji jew NGOs kontra d-diskriminazzjoni. Normalment il-vittmi għandhom jagħtu l-kunsens tagħhom għal din l-għajnuna.

Minħabba li każijiet ta' diskriminazzjoni huma min-natura tagħhom diffiċli li jiġu ppruvati, id-Direttivi jesigū li f'każijiet ta' diskriminazzjoni, il-livell ta' prova meħtieġ mill-vittma allegata jkun anqas minn dak li huwa normalment meħtieġ. Ladarba l-applikant jistabbilixxi l-fatti li minnhom tista' tkun preżunta li seħħet diskriminazzjoni, il-'piż tal-prova' jaqa' fuq il-konvenut li għandu jgħib evidenza li tipprova l-kuntrarju ta' dak allegat. Din ir-regola tapplika fil-qrati ċivili u fi proċeduri amministrattivi imma ma tapplikax fi proċeduri kriminali, fejn japplikaw l-istandards oġġla tradizzjonali, jew proċeduri investigattivi.

Ksur ta' liġijiet kontra d-diskriminazzjoni għandu jkollhom sanzjonijiet effettivi, proporzjonati u dissważivi, li jistgħu jinkludu kumpens li jiġi mħallas lill-vittma. Skond il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, fil-każistika rigward id-diskriminazzjoni sesswali, l-Istati Membri għandhom jipprovdu rimedji li jassiguraw 'protezzjoni vera u effettiva' għad-drittijiet komunitarji ta' l-individwi li għandhom effett reali u ta' deterrent fuq min iħaddem. Barra minn hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jistabbilixxu limitu massimu fuq l-ammont ta' kumpens li għandu jitħallas lill-vittmi ta' diskriminazzjoni (ara Każijiet *Von Colson*, 14/83 u *Marshall II*, C-271/91 fuq [www.curia.eu.int](http://www.curia.eu.int)).

## Hemm eċċezzjonijiet għall-prinċipju rigward it-trattament ugwali?

Id-Direttivi jippermettu xi eċċezzjonijiet għall-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni. L-ewwelnett, jippermettu **azzjoni pożittiva**, fejn xi gruppi huma ttrattati aħjar minn gruppi oħrajn, sabiex jiġu evitati jew kumpensati l-iżvantaġġi marbuta ma' waħda mir-raġunijiet ta' diskriminazzjoni.

It-tieninnett, jippermettu differenzi fit-trattament fejn in-natura ta' l-attività tax-xogħol tista' ġenwinament tirrikjedi li l-persuna li tagħmilha tkun ta' ċerta oriġini etnika, reliġjon jew età eċċ. Kemm huwa jew m'huwiex **rekwiżit verament ġenwin u determinanti** fil-ħtiġijiet tax-xogħol jiġi deċiż strettament skond il-każ. Barra minn dan, fejn liġi nazzjonali jew prattiċi li kienu jeżistu qabel id-dħul tad-Direttiva jippermettu li organizzazzjonijiet bl-*ethos* ibbażat fuq ir-reliġjon jew twemmin, tali bħal knejjes, jista' jirrikjedi li ċerti xogħlijiet isiru minn persuna li tħaddan dik ir-reliġjon jew twemmin. Safejn in-natura ta' l-attivitàjiet, jew il-kuntest li fihom tali attivitàjiet iseħħu, jikkostitwixxu r-reliġjon jew it-twemmin ta' persuna bħala rekwiżit ġenwin, leġittimu u ġustifikat għax-xogħol, dan ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni.





Hemm **eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni rigward id-diskriminazzjoni** bbażata fuq l-età partikolari. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jipprovdu fil-liġijiet tagħom illi f'ċerti ċirkustanzi, differenzi fit-trattament abbażi ta' l-età ma jikkostitwixxux fil-fatt diskriminazzjoni jekk huma ġustifikati b'mod raġjonevoli u oġġettiv permezz ta' għan leġittimu – tali b'hal f'rigward ta' politika ta' l-impjieg, u s-suq tax-xogħol jew oġġettivi ta' taħriġ vokazzjonali – u l-mezzi għall-kisba ta' dak l-għan huma xierqa u neċessarji. Id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol tagħti eżempji ta' x'jista', f'ċerti ċirkustanzi, jammonta għal differenzi leġittimi fit-trattament. Dawn jinkludu kondizzjonijiet speċjali għall-aċċess fl-impjieg u taħriġ vokazzjonali kif ukoll kondizzjonijiet ta' l-impjieg u xogħol, inklużi tkeċċija jew ħlas, għal nies żgħażaġħ, ħaddiema anzjani jew min joffri kura. Tali kondizzjonijiet jistgħu jkun permessi jekk l-għan tagħhom huwa li jippromwovu

l-integrazzjoni vokazzjonali ta' tali nies jew jassiguraw il-protezzjoni tagħhom; kondizzjonijiet minimi ta' età, esperjenza professjonali jew l-għoti ta' ċerti vantaġġi marbuta ma' l-impjieg. Età massima tista' tiġi stabbilita għal rekrutaġġ fejn din hija bbażata fuq ħtiġijiet ta' taħriġ għall-post tax-xogħol jew il-ħtieġa għal perijodu raġjonevoli ta' impjieg qabel l-irtirar.

Jekk l-Istati Membri jagħżlu li jippermettu tali eċċezzjonijiet, dan għandu jiġi stabbilit fil-leġislazzjoni tagħhom, b'mod li jassiguraw illi l-eċċezzjonijiet għandhom għan leġittimu u huma xierqa u neċessarji. Dan ta' l-aħħar ifisser, ta' l-anqas, li m'għandux ikun possibbli li jintlaħaq l-għan permezz ta' mezzi alternattivi u non-diskriminatorji.

Id-Direttiva tippermetti wkoll illi Stati Membri jippermettu kondizzjoni bbażata fuq l-età għad-dħul jew titolu għall-irtirar jew benefiċċji ta' invalidità taħt skema ta' sigurtà soċjali tax-xogħol. F'tali skema, etajiet differenti jistgħu jiġu mwaqqfa għal kategoriji differenti ta' ħaddiema u l-kriterji ta' l-età jistgħu jintużaw f'kalkoli attwali sakemm dan ma jirriżultax f'diskriminazzjoni sesswali.

Bl-istess mod, iż-żewġ Direttivi ma japplikawx għall-kondizzjonijiet għal ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni bla stat sabiex jidħlu u joqogħdu fi Stat Membru jew għal trattament li joħroġ mill-istat legali tagħhom. Għandu jiġi innotat illi taħt id-Direttiva ta' l-UE rigward ir-Residenti għal Tul ta' Żmien (Direttiva 2003/109/KE), trattament ugwali ma' ċittadini ta' l-UE huwa garantit lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma residenti għal żmien twil fl-UE. Ċittadini ta' l-UE huma protetti kontra d-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità fl-UE taħt l-Artikolu 12 tat-Trattat KE.

Barra minn dan, id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (li tikkonċerna diskriminazzjoni ibbażata fuq reliġjon jew twemmin, diżabilità, età u orjentament sesswali) ma tapplikax għal:

- miżuri stabbiliti mid-dritt nazzjonali li, f'soċjetà demokratika, huma neċessarji għas-sigurtà pubblika, iż-żamma ta' l-ordni pubbliku u l-prevenzjoni ta' atti kriminali, protezzjoni tas-saħħa u d-drittijiet u libertajiet ta' l-oħrajn;
- ħlasijiet magħmula minn skemi ta' l-istat jew dawk simili, inklużi skemi għall-protezzjoni tas-sigurtà soċjali.

Finalment, Stati Membri jistgħu jeżentaw il-forzi armati mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol rigward età u diżabilità.

## **X'inhuma obbligati jagħmlu aktar l-Istati Membri mid-Direttivi?**

L-Istati Membri għandhom iwaqqfu **corp (jew korpi) sabiex jippromwovu trattament ugwali rigward l-oriġini etnika jew razzjali**. Għandhom jassiguraw illi dawn il-korpi ta' l-anqas huma kapaċi jipprovdu assistenza indipendenti lill-vittmi ta' diskriminazzjoni fis-sottomissjoni ta' l-ilmenti tagħhom rigward diskriminazzjoni, jagħmlu sfharrig indipendenti u jippubblikaw rapporti indipendenti u rakkommandazzjonijiet dwar kull suġġett relatat mad-diskriminazzjoni.

L-Istati Membri huma responsabbli għat-**tixrid ta' l-informazzjoni** rigward il-liġijiet dwar l-ugwaljanza fil-pajjiż tagħhom, billi jkopru kemm il-liġijiet il-ġodda li joħorġu mid-direttivi kif ukoll il-liġijiet li kienu diġà fis-sefħ. Għandhom jippromwovu wkoll **diskussjoni bejn organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema** rigward it-trattament ugwali u jinkoraġġixxu **djalogu ma' NGOs** interessati fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

L-Istati Membri huma obbligati **jabolixxu kull liġi jew regolamenti diskriminatorji** u jassiguraw li kull dispożizzjoni diskriminatorja f'kuntratti jew ftehim kollettiv jew regoli interni ta' organizzazzjonijiet isiru ineffettivi.

L-Istati Membri **għandhom jagħtu rendikont lill-Kummissjoni Ewropea** dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika, sad-19 ta' Lulju 2005 u rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva li tistabilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, sat-2 ta' Diċembru 2005, u **kull fames snin** wara dawn id-dati. Il-Kummissjoni wara tara l-informazzjoni biex tipprepara rapporti rigward l-applikazzjoni tad-Direttiva għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

## **X'tista' tagħmel il-Kummissjoni Ewropea jekk Stat Membru ma jimplimentax id-Direttivi kif inhu xieraq?**

Taħt it-Trattat tal-Komunità Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea tista' tibda proċeduri ta' infurzar kontra l-Istati Membri f'każ li ma jilħqux ir-rekwiżiti tad-Direttivi (l-Artikolu 226). Dawn il-proċeduri jistgħu jinbdeu f'każ li l-komunikat tat-traspożizzjoni huwa inkomplet jew mhux korrett. Proċeduri jibdeu b'ittra formali mill-Kummissjoni lill-Istat Membru li turi għaliex l-Istat naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu. L-Istat għandu xahrejn sabiex jirrispondi. Jekk il-kwistjoni ma tiġix riżolta, il-Kummissjoni tibgħat 'opinjoni raġunata', illi għaliha l-Istat Membru għandu xahrejn oħra sabiex jirrispondi. Jekk dan jonqos milli jirrispondi, jew milli jirrispondi b'mod sodisfaċenti, il-Kummissjoni tista' tirreferi lill-Istat Membru quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

Jekk il-Qorti ssib li l-Istat Membru naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu, l-Istat għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti. Wara dan, jekk il-Kummissjoni tikkonsidra li l-Istat Membru ma ħax miżuri sodisfaċenti, tagħti lill-Istat l-opportunità sabiex jippreżenta osservazzjonijiet u wara toħroġ opinjoni bir-raġunijiet li turi l-punti fid-dettall li magħhom l-Istat ma kkonformax (l-Artikolu 228 tat-Trattat KE) u tagħti lill-Istat Membru ammont ta' żmien limitat sabiex jikkonforma ma' dawn. Jekk xorta waħda ma jikkonformax, il-Kummissjoni tista' tieħu lill-Istat Membru quddiem il-Qorti mill-ġdid u tispeċifika l-ammont ta' penali li taħseb li għandu jħallas. Jekk il-Qorti ssib li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza tagħha, tista' timponi somma kapitali jew ħlas ta' penali fuq dan.

## **Azzjoni meħuda mill-Kummissjoni kontra 5 Stati Membri**

F'Lulju 2004, il-Kummissjoni rreferiet 5 Stati Membri (l-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja u l-Lussemburgu) quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għax ma kkomunikawx it-traspożizzjoni tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika. L-ebda ftehim ma ntlaħaq fl-istadji tal-bidu tal-proċeduri ta' vjolazzjoni. F'Diċembru 2004, il-Kummissjoni rreferiet l-istess Stati Membri quddiem il-Qorti għax ma kkomunikawx it-traspożizzjoni tad-Direttiva li tistabilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol. Ukoll, komunikat preċedenti bejn il-Kummissjoni u dawn l-Istati Membri naqas milli jsolvi l-kwistjoni (filwaqt li għamlet dan mal-Belġju, id-Danimarka, l-Irlanda, l-Olanda, il-Portugall u r-Renju Unit, li kontribom proċeduri ta' vjolazzjoni kienu wkoll ġew mibdija).

Fil-Greċja u fil-Ġermanja, abbozz ta' liġi ġie ppreżentat biss quddiem il-Parlament fl-aħħar ta' l-2004. Il-leġislazzjoni ġiet adottata fil-Greċja u l-proċeduri kontra dan l-Istat Membru waqfu. Fil-Lussemburgu, iż-żewġ Atti ppreżentati quddiem il-Parlament fl-aħħar ta' l-2003 għadhom ma ġewx adottati. Fl-Awstrija, mhux il-provinċji kollha illeġislaw id-Direttivi, u fil-Finlandja d-Direttivi għad iridu jiġu implimentati fil-Gżejjer Åland. Il-proċeduri ta' vjolazzjoni jagħtu kas il-fatt li l-Ġermanja nnotifikat lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħha sabiex tuża t-tliet snin addizzjonali mhux obligatorji għat-traspożizzjoni tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol rigward id-diskriminazzjoni fl-età. L-ebda wieħed mill-erba' Stati Membri l-oħra ma estenda formalment it-termini tiegħu b'dan il-mod.


Fl-24 ta' Frar 2005, il-Finlandja u l-Lussemburgu ġew ikkundannati mill-Qorti tal-Ġustizzja talli naqsu milli jadottaw leġislazzjoni sabiex jilleġislaw id-Direttiva rigward l-Ugwaljanza Razzjali (Każijiet C-327/04 u C-320/04).

Sa l-aħħar tas-sena 2004, l-10 Stati Membri ġodda kollha, flief ir-Repubblika Ċeka, innotifikaw ufficialment lill-Kummissjoni li adottaw iż-żewġ Direttivi. Il-komunikati tagħhom qed jiġu eżaminati bħalissa mill-Kummissjoni, li hija konxja minn nuqqasijiet sinifikanti fit-traspożizzjoni f'ċerti pajjiżi. Ittra ta' notifika formali ntbagħtet lir-Repubblika Ċeka rigward in-nuqqas ta' komunikazzjoni taż-żewġ Direttivi. Ir-raġuni għaliex il-proċeduri rigward l-Istati Membri l-ġodda nbdew wara minn dawk ta' l-Istati Membri l-'qodma' hija minfhabba t-terminu aktar tard għat-traspożizzjoni (1 ta' Mejju 2004). Barra minn dan, il-Kummissjoni ġgħib proċeduri ta' vjolazzjoni fi gruppi iktar milli kontra kull Stat Membru individwali. Jiġifieri tistenna sakemm ikollha l-informazzjoni neċessarja sabiex tibda proċeduri kontra diversi Stati Membri fl-istess fin.

Xogħol preparatorju intensiv beda għall-istadji formali tal-proċeduri ta' vjolazzjoni għal nuqqas ta' konformità mad-Direttivi. Dan ifisser eżami ddetalljat tal-liġijiet nazzjonali intiżi sabiex jimplimentaw id-Direttivi bil-għan illi jġu identifikati xi nuqqasijiet fit-traspożizzjoni. L-istadji formali tal-komunikazzjonijiet dwar in-nuqqas ta' konformità mad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika jistgħu jiġu introdotti fl-2005 kontra xi Stati Membri mill-'antiki'. Dan ikun segwit probabilmment minn komunikazzjonijiet ta' vjolazzjoni għad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol kontra xi Stati Membri 'qodma' u għaż-żewġ Direttivi kontra xi Stati Membri 'ġodda'.

Fl-istudju tal-leġislazzjoni nazzjonali, il-Kummissjoni żżomm f'moħħha n-natura tad-Direttivi tal-KE, li tagħti lill-Istati Membri libertà sabiex jagħżlu l-aktar forma ta' implimentazzjoni xierqa tad-dispożizzjonijiet. Minkejja dan, il-Kummissjoni teħtieġ li tkun żgura li l-leġislazzjoni tilħaq ir-riżultati intiżi mid-Direttivi. Il-Kummissjoni

hija assistita fix-xogħol ta' l-eżami ta' konformità minn Network Ewropew ta' Esperti Legali Indipendenti fil-Qasam tan-Non-Diskriminazzjoni li jirrapportaw żviluppi fi Stati Membri individwali.





*Id-Direttiva ta' l-UE li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika, li kienet implimentata fl-Ungerija f'forma tal-Liġi għat-Trattament Ugwali u l-Promozzjoni ta' Opportunitajiet Indaqs hija mezz importanti ta' protezzjoni legali ta' minoritajiet mid-diskriminazzjoni. Ħadna in konsiderazzjoni r-rekwiżiti legali kollha speċifikati fid-Direttiva, li huma essenzjali għal dawk li jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni ta' kull tip fil-futur. Din is-sena, waqqafna wkoll l-Awtorità għat-Trattament Ugwali biex tinvestiga każijiet ta' diskriminazzjoni u sabiex tiftaħ proċeduri legali kontra dawk li huma responsabbli.*

*Aħna m'ħeġġa b'mod partikolari li naraw li dan jiġi użat sabiex isaħħaħ il-protezzjoni legali tar-Roma billi huwa magħruf li l-biċċa l-kbira tal-każijiet referuti quddiem l-Awtorità għat-Trattament Ugwali kienu jirrigwardaw id-diskriminazzjoni razzjali kontra r-Roma fl-impjeg u fl-edukazzjoni. Nixtieq verament li l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jieħdu sehem fil-proċeduri f'isem il-vittmi ta' diskriminazzjoni sabiex ikun massimizzat l-impatt tal-leġislazzjoni l-ġdida.*

*Għaldaqstant, aħna konxji li s-sitwazzjoni tar-Roma ma tistax tiġi solvuta permezz ta' azzjoni legali biss; għandha tkun akkumpanjata b'miżuri oħra. Il-Gvern Ungeriż għandu rwol ta' 'koordinazzjoni fl-Għaxar snin ta' Roma', inizzjattiva tal-Bank Dinji u tas-Soċjetà Miftuħa mniedi fi Frar 2005 mill-Ungerija u seba' pajjiżi Ewropej oħrajn. Permezz ta' din l-inizzjattiva, nisperaw li nkunu kapaċi nużaw il-massimu tar-riżorsi ta' kull tip sabiex tkun imtejba l-pożizzjoni ekonomika u soċjali tar-Roma madwar l-Ewropa.*

KINGA GÖNCZ, MINISTRU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-FAMILJA, AFFARIJET SOĊJALI, U OPPORTUNITAJIET INDAQS, L-UNGERIJA

## TIBDIL FIL-LEĠISLAZZJONI NAZZJONALI

Minkejja li t-termini għall-adozzjoni tal-liġijiet għaddew, liġijiet għadhom jiġu emendati u adottati f'numru ta' Stati Membri ta' l-UE sabiex jimplimentaw iż-żewġ direttivi kontra d-diskriminazzjoni. Fis-**Slovakkja**, l-Att kontra d-diskriminazzjoni ġie adottat f'Mejju 2004. Fil-**Irlanda**, l-Att dwar l-ugwaljanza 2004 sar liġi f'Lulju 2004, fejn jemenda l-Att dwar l-ugwaljanza fuq ix-xogħol 1998 u l-Att dwar l-istatus ugwali 2000. F'**Malta**, leġislazzjoni ġiet adottata f'Novembru 2004, immirata sabiex timla l-isparzi relatati max-xogħol fit-traspożizzjoni li kien baqa' wara l-adozzjoni ta' l-2002 fl-Att dwar ir-relazzjonijiet industrijali. F'Diċembru 2004, liġi ġdida ġiet adottata fid-**Danimarka** sabiex iddaħħal id-dispożizzjonijiet rigward l-età u d-diżabilità li hemm fid-direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, leġislazzjoni ġiet adottata fi **Franza** sabiex tiġi mwaqqfa l-awtorità kontra d-diskriminazzjoni u għall-ugwaljanza, intiża sabiex tkompli t-traspożizzjoni tad-direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika u digriet governattiv ġie implimentat fl-**Ungerija** rigward awtorità dwar it-trattament ugwali. Fil-**Belġju**, ir-reġjun tal-Wallonie u l-komunitajiet ta' l-ilsien Franċiż u Ġermaniż adottaw leġislazzjoni ġdida f'Mejju 2004. Fil-**Awstrija**, leġislazzjoni ġiet adottata fl-2004 fil-provinċji ta' Styria, Vjenna, l-Awstrija tan-nofsinhar u Carinthia u abbozzi ta' liġijiet ġew introdotti fil-provinċji ta' Vorarlberg u l-Awstrija ta' fuq. Fil-**Greċja**, liġi li tkopri r-raġunijiet kollha ta' diskriminazzjoni speċifikati fiż-żewġ direttivi ġiet ippublikata f'Jannar 2005 u fl-**Iżvezja**, leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentament sesswali rigward is-sigurtà soċjali daħlet fis-seħħ fl-istess xahar. Fil-**Polonja**, il-liġi rigward il-minoritajiet nazzjonali u etniċi u l-lingwa reġjonali, tidħol fis-seħħ f'Mejju 2005.

**TABELLA TA' SOMMARJU: STAT TA' L-IMPLIMENTAZZJONI TAD-DIRETTIVI (FL-1 TA' APRIL 2005)**

Nota: din it-tabella hija sommarju tal-leġislazzjoni li għaddiet rigward id-Direttivi. Din ma tevalwax jekk il-leġislazzjoni nazzjonali hijiex kompletament konformi mad-Direttivi jew dwar jekk dawn kinux konformi kompletament fl-Istati Membri rispettivi. Hekk kif il-leġislazzjoni nazzjonali għadha qed tinbidel b'mod mgħagħel f'dan il-qasam, jista' jagħti l-każ li l-leġislazzjoni l-ġdida tkun żdiedet ma' dak deskritt hawn.

|                           |   |
|---------------------------|---|
| <b>Il-Belġju</b>          | <p><i>Live'll Federali:</i> Liġi tal-25 ta' Frar 2003 dwar il-għieda kontra d-diskriminazzjoni u li temenda l-Att tal-15 ta' Frar 1993 li jwaqqaf iċ-Ċentru għall-Opportunitajiet Indaq u Oppożizzjoni għar-Razziżmu; Liġi ta' l-20 ta' Jannar 2003 li tikkonċerna t-tisħiħ tal-leġislazzjoni anti-nażista li temenda l-Liġi tat-30 ta' Lulju 1981 li tinkriminalizza ċerti Atti ispirati mir-rażziżmu u l-ksenofobija.</p> <p><i>Live'll Reġjonali:</i> Reġjun Fjamming/Komunità Digriet tat-8 ta' Mejju 2002 dwar il-parteċipazzjoni proporzjonata fis-suq tax-xogħol; Komunità ta' l-Isien Franċiż Digriet tad-19 ta' Mejju 2004 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju rigward it-trattament ugwali; Reġjun tal-Wallonie Digriet tas-27 ta' Mejju 2004 dwar it-Trattament ugwali fuq ix-xogħol u t-taħriġ vokazzjonali professjonali; Komunità ta' l-Isien Ġermaniż Digriet tas-17 ta' Mejju 2004 dwar il-garanzija ta' trattament ugwali fis-suq tax-xogħol; Ordinanza tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar il-ġestjoni mista tas-suq tax-xogħol fir-Reġjun Brussell-Kapitali.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i></p> |
| <b>Ir-Repubblika Ċeka</b> | <p>Liġi nru. 65/1964 Coll. Kodiċi dwar ix-Xogħol, emendata l-aħħar fil-2004; Liġi Nru. 361/2003 Coll. dwar ir-relazzjoni tas-servizz ta' membri tal-forzi tas-sigurtà; Liġi Nru. 221/1999 Coll. dwar ir-relazzjoni tas-servizz ta' membri tal-forzi armati, kif emendata fl-2002; Liġi Nru. 218/2002 Coll. dwar is-servizz uffiċjali fl-Amministrazzjoni statali u dwar ir-remunerazzjoni ta' uffiċjali u ħaddiema oħrajn; L-Iskola Liġi Nru. 561/2004 Coll.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i></p>   |
| <b>Id-Danimarka</b>       | <p>Att Nru. 960 (2004) dwar il-paragrafu 266 b) tal-Kodiċi Penali, Att Nru. 626 (1987) li jipprojbixxi d-diskriminazzjoni razzjali eċċ.; Att Nru. 459 (1996) emendat mill-Att Nru. 253 (2004) u l-Att Nru. 1416 (2004) li jipprojbixxi diskriminazzjoni rigward ta' impjeg u x-xogħol eċċ.; Att Nru. 374 (2003) li jipprojbixxi trattament inugwali li ġej minn razza u etniċità; Att Nru. 1417 tat-22 ta' Diċembru (2004) dwar il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni diretta u indiretta abbażi ta' età u diżabbiltà; Att Nru. 411 (2002) dwar l-Istitut għall-Istudji Internazzjonali u d-Drittijiet tal-Bniedem.</p> <p><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali.</i></p>  |
| <b>Il-Ġermanja</b>        | <p>Liġi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, emendata fl-2001; Liġi dwar ir-Rappreżentazzjoni ta' l-Impjegati Federali, emendata fl-2001; Liġi rigward it-Trattament ugwali ta' Persuni b'Diżabbiltà.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i></p>  |
| <b>L-Estonja</b>          | <p>Liġi dwar Emendi tal-Liġi rigward il-Kanċillier Legali u Liġijiet Relatati; Liġi tar-Repubblika ta' l-Estonja dwar il-Kuntratt ta' l-Impjeg, emendata fit-22.04.04; Kodiċi Penali.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i></p>  |
| <b>Il-Greċja</b>          | <p>Liġi rigward l-Applikazzjoni tal-prinċipju dwar it-trattament ugwali minkejja l-oriġini etnika jew razza, twemmin reliġjuż u twemmin ieħor, diżabbiltà, età, jew orjentament sesswali (ippubblikata fis-27 ta' Jannar 2005).</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi.</i></p>   |
| <b>Spanja</b>             | <p>Liġi 62/2003, tat-30 ta' Diċembru, dwar miżuri fiskali, amministrattivi u soċjali; Digriet Legali 5/2000, 4 ta' Awwissu, Liġi rigward Infrazzjonijiet u Sanzjonijiet dwar l-Ordni Soċjali, emendata f'Jannar 2004; Liġi 51/2003, tat-2 ta' Diċembru, dwar Opportunitajiet Indaq, Non-diskriminazzjoni, u Aċċess Universali għal Persuni b'Diżabbiltà.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi.</i></p> <p>Digriet 1865/2004 li jwaqqaf il-Kunsill Nazzjonali Diżabbiltà.</p>  |
| <b>Franza</b>             | <p>Liġi ta' l-Istampa 1881 (emendata l-aħħar fi Frar 2005); Liġi kontra d-diskriminazzjoni Nru. 2001-1066; Liġi tal-modernizzazzjoni soċjali Nru. 2002-73; Liġi li twaqqaf korp speċjalizzat (HALDE) tal-21 ta' Diċembru 2004; Liġi dwar il-koeżjoni soċjali ta' l-20 ta' Diċembru 2004.</p> <p><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi, u raġunijiet addizzjonali inkluż s-sess.</i></p>   |
| <b>L-Irlanda</b>          | <p>Att dwar l-Ugwaljanza 2004, li jemenda l-Att dwar l-Ugwaljanza fl-Impjeg 1998 u l-Att dwar l-Istatus Ugwali 2000; l-Att dwar il-Pensjonijiet 1990-2004; Att dwar ix-Xorb Alkoħoliku 2003.</p> <p><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inkluż s-sess.</i></p>  |
| <b>L-Italja</b>           | <p>Digriet Leġislattiv Nru. 215 tad-9 ta' Lulju 2003 li jittraspożixxi d-Direttiva 2000/43, sussegwentement emendat bid-Digriet Leġislattiv Nru. 256 tat-2 ta' Awwissu 2004; Digriet tal-11 ta' Diċembru 2003 dwar l-istrutturi interni u l-kompetenzi ta' korp speċjalizzat.</p> <p><i>Ikopri l-oriġini etniċi jew razzjali.</i></p> <p>Digriet Leġislattiv Nru. 216 tad-9 ta' Lulju 2003 li jittraspożixxi d-Direttiva 2000/78, emendat bid-Digriet Leġislattiv Nru. 256 tat-2 ta' Awwissu 2004.</p> <p><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fid-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg.</i></p>  |
| <b>Ċipru</b>              | <p>It-Trattament ugwali (Oriġini etnika jew razza) Liġi Nru. 59(I)/2004; Liġi rigward Persuni b'Diżabbiltà (Emenda) Nru. 57(I)/2004; It-Trattament ugwali fl-Impjeg u l-liġi dwar ix-xogħol Nru. 58(I)/2004.</p> <p><i>Ikopri oriġini etnika jew razza, reliġjon jew twemmin, età, orjentament sesswali.</i></p> <p>Il-Kummissjonarju għall-Amministrazzjoni (Emenda) Liġi Nru. 36 (I)/2004; Il-Għieda kontra r-Razziżmu u Diskriminazzjoni oħra (Kummissjonarju) Liġi Nru. 42(1)/2004.</p> <p><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali.</i></p>   |



|                               |   |
|-------------------------------|---|
| <b>Il-Latvja</b>              | Liġi dwar ix-Xogħol, adottata fl-2001, emendata fis-7 ta' Mejju 07.05.2004.<br><i>Tkopri elenku mhux komplet ta' raġunijiet imma l-ebda referenza espressa għall-orjentament sesswali.</i>  |
| <b>Il-Litwanja</b>            | Liġi rigward Opportunitajiet Indaq, fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2005, Kodiċi Kriminali kif emendata fl-1 ta' Mejju 2003.<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi.</i>   |
| <b>Il-Lussemburgu</b>         | L-ebda leġislazzjoni adottata jew emendata mid-Direttivi għadha ma ġiet adottata.   |
| <b>L-Ungerija</b>             | Att CXXV ta' l- 2003 dwar it-Trattament ugwali u l-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza ta' l-Opportunitajiet; Digriet tal-Gvern 362/2004 dwar l-Awtorità għat-Trattament ugwali u r-Regoli Dettaljiati tal-Proċedura tagħha.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>  |
| <b>Malta</b>                  | Att dwar l-Impjeg u r-Relazzjonijiet Industrijali 2002 u Avviż Legali 461 ta' l-2004 (Regolamenti dwar it-Trattament ugwali fl-Impjeg); Opportunitajiet Indaq (Persuni b'Diżabilità) Att 2000.<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi.</i>  |
| <b>L-Olanda</b>               | Att dwar it-Trattament Ugwali Ġenerali ta' l-1994, emendat mill-Att ta' Implimentazzjoni KE 2004; Att dwar id-Diskriminazzjoni bbażata fuq l-età tas-17 ta' Diċembru 2003; Att dwar it-Trattament ugwali abbażi ta' diżabilità jew marda kronika tat-3 ta' April 2003.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>   |
| <b>L-Awstrija</b>             | <i>Livell Federali:</i> Att Federali dwar it-Trattament Ugwali (adottat fl-1993, emendat fl-2004), Att dwar it-Trattament Ugwali, Liġi rigward il-Kummissjoni għat-Trattament Ugwali u l-Uffiċċju għat-Trattament ugwali (kollha fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2004).<br><i>Livell provinċjali:</i> Att ta' l-Istrija dwar it-Trattament Ugwali, Ordni ta' Servizz Vjenniż, Att Vjenniż Kontra d-diskriminazzjoni, Att dwar it-Trattament ugwali ta' l-Awstrija tan-Nofsinar, Att Kontra d-diskriminazzjoni tal-Carinthia.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u s-sess. Sa issa diżabilità biss fil-leġislazzjoni provinċjali.</i>  |
| <b>Il-Polonja</b>             | Kodiċi dwar ix-Xogħol (emendata l-aħħar fl-14 ta' Novembru 2003); Att ta' l-20 ta' April 2004 dwar il-Promozzjoni ta' l-Impjeg u l-Istituzzjonijiet tas-Suq tax-Xogħol; Ordinanza tal-Kunsill tal-Ministri tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar il-Plenipotenżjarju tal-Gvern għal Status Ugwali għall-Irġiel u għan-Nisa. Liġi rigward Minoritajiet Nazzjonali u Etniċi u dwar l-Ilsien Reġjonali, ir-relazzjoni tas-servizz ta' membri tal-forzi (adottata fis-6 ta' Jannar 2005, fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2005).<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>   |
| <b>Il-Portugall</b>           | Liġi 18/2004 dwar diskriminazzjoni u l-oriġini etnika u razzjali; Liġi-digriet 251/2002; Liġi 38/2004 dwar miżuri għar-riabilitazzjoni u l-parteċipazzjoni ta' Persuni b'Diżabilità; Liġi 16/2001 dwar il-libertà reliġjuża.<br>Kodiċi dwar ix-Xogħol 99/2003, Liġi 35/2004 li tirregola l-Kodiċi dwar ix-Xogħol.<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>  |
| <b>Is-Slovenja</b>            | Implimentazzjoni tal-prinċipju rigward it-trattament ugwali Att 2004; Rabilitazzjoni vokazzjonali u l-Impjeg ta' Persuni b'Diżabilità Att 2004; Att dwar ir-Relazzjonijiet tax-Xogħol 2003.<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>  |
| <b>Ir-Repubblika Slovakka</b> | Att Nru. 365/2004 Coll. dwar it-Trattament Ugwali f'Ċerti Oqsma u Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni, li jemenda u jżid ċerti liġijiet oħrajn (Att Kontra d-diskriminazzjoni); Att Nru. 308/1993 Coll. li jstabilixxi ċ-Ċentru Slovakk Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem, emendat l-aħħar fl-2004 Coll.; Kodiċi dwar ix-Xogħol Nru. 311/2001 Coll. emendat l-aħħar mill-Att Nru. 365/2004.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi.</i>  |
| <b>Il-Finlandja</b>           | Att kontra d-diskriminazzjoni 21/2004; Kodiċi Penali, kif emendat mil-Liġi 302/2004; Att dwar Impjeg Kuntrattwali, kif emendat mil-Liġi 23/2004.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>   |
| <b>L-Iżvezja</b>              | Att dwar il-Projbizzjoni ta' Diskriminazzjoni Etnika (1999:130), emendat l-aħħar mill-Att 2003:308; Att dwar il-Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni fil-Flajja tax-Xogħol ta' Persuni b'Diżabilità (1999:132), emendat mill-Att 2003:309; Att dwar divjet kontra d-Diskriminazzjoni fil-Flajja tax-Xogħol abbażi ta' l-Orjentament sesswali (1999:133), emendat mill-Att 2003:310; Att dwar it-Trattament ugwali ta' Studenti f'Universitajiet (2001:1286), emendat mill-Att 2003:311; Att dwar il-Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni (2003:307), emendat mill-Att 2004:1089. Leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' orjentament sesswali rigward sigurtà soċjali li daħal fis-seħħ f'Jannar 2005,<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi ħlief l-età.</i>   |
| <b>Ir-Renju Unit</b>          | <i>Il-Gran Brittanja:</i> Att dwar ir-Relazzjonijiet Razzjali 1976, emendat l-aħħar mir-Regolamenti dwar ir-Relazzjonijiet Razzjali fl-2003;<br><i>L-Irlanda ta' Fuq:</i> Ordni dwar ir-Relazzjonijiet Razzjali (NI) 1997, emendata l-aħħar mill-Ordni ta' Regolamenti dwar ir-Relazzjonijiet Razzjali 2003.<br><i>Tkopri oriġini etnika jew razza.</i><br><i>Il-Gran Brittanja:</i> Att dwar id-Diskriminazzjoni u d-Diżabilità 1995, emendat l-aħħar mir-Regolamenti dwar id-Diskriminazzjoni u d-Diżabilità 2003; Att ta' Regolamenti dwar id-Diskriminazzjoni minħabba Diżabilità 1995 (Pensjonijiet) 2003, Impjeg Ugwaljanza (Reliġjon u twemmin) Regolamenti 2003; Impjeg Ugwaljanza (Orjentament sesswali) Regolamenti 2003;<br><i>L-Irlanda ta' Fuq:</i> Impjeg u Trattament Ġust (NI) Ordni 1998, emendat l-aħħar mir-Regolamenti għal Impjeg Ġust fl-2003; Impjeg Ugwaljanza (Orjentament sesswali) (Emendi) Regolamenti (NI) 2003; Diżabilità Diskriminazzjoni Att 1995 (Emenda) Regolamenti (NI) 2004.<br><i>Tkopri reliġjon jew twemmin, diżabilità, orjentament sesswali u opinjoni politika.</i> |

|                     |   |
|---------------------|---|
| <b>Il-Bulgarija</b> | Att dwar il-Protezzjoni kontra d-Diskriminazzjoni 2003, fis-seħħ minn Jannar 2004.<br><i>Ikopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i>   |
| <b>Ir-Rumanija</b>  | Ordinanza adottata f'Awwissu 2000 li tkopri l-prevenzjoni u l-kundanna tal-forom kollha ta' diskriminazzjoni, il-Liġi nru. 48 tas-16 ta' Jannar 2002 li tapprova l-Ordinanza bi ftit Emendi.<br><i>Tkopri r-raġunijiet kollha fiż-2 Direttivi u raġunijiet addizzjonali inklużi s-sess.</i> |
| <b>In-Norveġja</b>  | Leġislazzjoni "li timplimenta" r-regoli tad-Direttiva ta' l-Impjeg (2000/78) daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004.   |

Leġislazzjoni għaddejja fil-Parlament fir-**Repubblika Ċeka** (Att Kontra d-diskriminazzjoni li jittraspożixxi ż-żewġ Direttivi), **Franza** (tirriforma l-liġi ta' l-1975 dwar id-diżabilità), il-**Ġermanja** (rigward iż-żewġ Direttivi u d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza tas-Sessi - 2002/73/KE), il-**Lussemburgu** (Atti 5248 jittraspożixxu d-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika u Att 5249 li jittraspożixxi d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol) u l-**Awstrija** (abbozz tal-liġi għal verżjoni ġdida ta' l-Att dwar l-Istatus Ugwali għal nies b'diżabilità). Fil-**Latvja**, Att komprensiv kontra d-diskriminazzjoni ġie moqri fil-Parlament f'April 2004 imma jidher li ġie mħolli mill-gvern il-ġdid, li jixtieq jilleġisla d-Direttivi permezz ta' emendi ta' liġijiet eżistenti. Fi **Spanja**, Att dwar il-klawsoli fi ftehim kollettiv rigward it-tmiem ta' kuntratti meta ħaddiema jilhq u l-età ta' l-irtirar ġie adottat mill-gvern f'Diċembru 2004 u huwa bħalissa quddiem il-Parlament. F'**Ċipru**, Att li jabolixxi l-limitu ta' età legali massima għal 60 sena sabiex wieħed ikun membru tal-Kummissjoni għall-Edukazzjoni Pubblika (li jittratta l-ħatriet u suġġetti relatati max-xogħol rigward għalliema tas-settur pubbliku) huwa bħalissa quddiem il-Parlament ukoll.

**Fir-Renju Unit**, l-Att dwar id-Diskriminazzjoni u d-Diżabilità jinsab fi stadju avanzat quddiem il-Parlament. Barra minn dan, f'Marzu 2005 il-gvern ippubblika Att ġdid dwar l-Ugwaljanza li, fuq naħa, jipproponi t-twaqqif ta' Kummissjoni għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tal-Bniedem u, fuq naħa oħra, jestendi l-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tar-reliġjon u twemmin għall-forniment ta' oġġetti, faċilitajiet u servizzi lill-pubbliku, il-forniment u t-tmexxija ta' bini u ż-żamma ta' funzjonijiet pubbliċi. Fl-Irlanda ta' Fuq, saret konsultazzjoni pubblika dwar għażliet għal Att dwar l-Ugwaljanza Waħdieni, li jimmira lejn l-armonizzazzjoni ta' leġislazzjoni anti-diskriminatorja eżistenti, safejn huwa possibli u sabiex jiġu aġġornati u estiżi d-dispożizzjonijiet preżenti fejn huwa xieraq. Barra minn hekk, fil-ħarifa se ssir konsultazzjoni dwar ir-regolamenti dwar id-diżabilità u l-edukazzjoni bil-għan li dawn jidħlu fis-seħħ minn Settembru 2006.

Sadanittant, fin-**Norveġja** hemm proposta għal Att li jipprojbixxi d-Diskriminazzjoni abbażi ta' Etnika, Reliġjon eċċ... u proposta oħra għal Att rigward *Ombudsman* għall-Ugwaljanza u d-Diskriminazzjoni (abbażi ta' 5 raġunijiet tad-Direttivi) u l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ugwaljanza u d-Diskriminazzjoni.

Fl-**Estonja**, leġislazzjoni għad trid tiġi introdotta sabiex tilleġisla l-aspetti li m'għandhomx x'jqasmu max-xogħol, tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika u fi **Spanja**, ser isir Digriet Irjali dwar il-forma u l-funzjonijiet biex jibda jiffunzjona Kunsill għall-promozzjoni ta' trattament ugwali tal-persuni kollha mingħajr diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini etnika jew razza.

## PROTEZZJONI U INFURZAR TAD-DRITTIJET TA' L-INDIVIDWI

Drittijiet ta' l-individwi protetti mid-Direttiva dwar l-Ugwaljanza u r-Razza li tistabilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol għandhom jiġu infurzati b'mod xieraq permezz ta' azzjoni fil-livell nazzjonali. F'bosta Stati Membri ta' l-UE qrati ċivili u tax-xogħol, u xi drabi qrati kriminali, jisingħu u jiddeċiedu dwar tali każijiet. Hemm alternattivi f'ċerti pajjiżi, inklużi proċeduri amministrattivi quddiem korpi ta' l-ugwaljanza. Il-konċiljazzjoni bħala mod ta' soluzzjoni ta' kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni hija disponibbli b'mod wiesgħa.

In ġenerali, il-vittmi jistgħu jfittxu soluzzjoni billi jużaw id-dritt nazzjonali kontra d-diskriminazzjoni quddiem il-qrati nazzjonali. Imma d-Direttivi jiproteġu wkoll individwi f'każijiet fejn ma setgħux jiġu implimentati b'mod xieraq jew sħiħ fil-leġislazzjoni nazzjonali (ara t-tabella).

### Drittijiet ta' individwi f'każijiet fejn id-Direttivi ma ġewx trasposti kompletament

Fejn l-allegat diskriminatur huwa l-Istat jew korp pubbliku, dispożizzjonijiet kontra d-diskriminazzjoni ta' Direttivi li huma ċari, preċiżi u bla kondizzjoni jistgħu jiġu użati quddiem qrati nazzjonali. Dawn id-dispożizzjonijiet huma mfissra bħala ta' '*effett dirett vertikali*'. Dan ifisser illi jekk Stat Membru naqas milli jittraspożixxi d-Direttivi fil-ħin, jew jittraspożixxihom b'mod inkorrett, individwi li jallegaw li ġew diskriminati minn korp pubbliku jistgħu xorta waħda jużaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttivi.

Fejn l-allegat diskriminatur huwa individwu ieħor jew entità privata, il-qrati nazzjonali għandhom jagħtu Direttivi ta' '*effett indirett*' u jagħmlu kulma huwa possibbli sabiex jinterpretaw il-leġislazzjoni nazzjonali sabiex tkun konformi mad-Dritt Komunitarju. Dan ifisser li għandhom, safejn huwa possibbli jinterpretaw il-leġislazzjoni nazzjonali fid-dawl tat-tifsila u l-għan tad-Direttiva sabiex jintlaħaq ir-riżultat intiż mid-Direttiva. Huwa irrelevanti jekk il-leġislazzjoni nazzjonali għetx adottata qabel jew wara d-Direttiva (Każ C-106/89 *Marleasing* [1990] ECR 4135).

It-tielet prinċipju tad-Dritt Komunitarju jgħin sabiex ikun assigurat li Stati Membri jimplimentaw b'mod xieraq id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza, jiġifieri l-prinċipju ta' '*Responsabilità ta' l-Istat*' (Każijiet C-6 & 9/90 *Francovich*, każijiet konġunti C46/93 *Brasserie du Pêcheur* u C-48/93 *Factortame*). Safejn bit-terminu tat-traspożizzjoni m'hemmx leġislazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva jew il-leġislazzjoni nazzjonali hija kuntrarja għad-Dritt Komunitarju, l-Istat Membru għandu jikkompensa għat-telfa minn dan in-nuqqas billi jimplimenta d-Direttiva. Għall-Istat, sabiex ikun responsabbli, ċerti kondizzjonijiet għandhom jiġu ssodisfati: 1) l-għan tad-dispożizzjoni komunitarja li għet miksura għandu jkun li jingħataw drittijiet lill-individwu, 2) il-ksur għandu jkun serju biżżejjed, u 3) għandu jkun hemm rabta każwali bejn in-nuqqas ta' l-Istat u d-dannu mġarrab mill-persuni affettwati. Il-Qrati nazzjonali jistgħu jiġu mitluba sabiex jiddeċiedu jekk l-Istat Membru implimentax id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza b'mod żbaljat, u jekk il-Qorti ssib li huwa hekk, u li dawn il-kondizzjonijiet huma milfuqa, l-attur jista' jkun intitolat għal kumpens fi flus.

Il-Qrati nazzjonali jistgħu jirreferu wkoll kwistjonijiet rigward l-interpretazzjoni ta' riġijiet partikolari tad-Direttivi lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li tikkonsidrahom u wara tiddeċiedi dwarhom.


## Ir-rwol tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej

Fejn qorti nazzjonali m'hix ċerta dwar jekk l-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Ugwaljanza hijiex korretta jew hija inċerta dwar kif terminu partikolari tad-Direttivi għandu jiġu interpretat, tista', u għandha, titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għal deċiżjoni preliminari dwar il-interpretazzjoni tad-Direttivi, sabiex tkun tista' tagħti deċiżjoni fil-każ quddiemha (l-Artikolu 234 tat-Trattat KE). Il-qrati ta' l-aħħar istanza (li minnhom deċiżjonijiet m'humiex appellabbli) huma obbligati sabiex jirreferu dawn il-kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej. Bħala risposta, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej tara d-dispożizzjonijiet relevanti tad-Direttivi u tagħti l-interpretazzjoni tagħha waqt li tiegħu konsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi tal-każ nazzjonali. Tikkonsidra wkoll kull osservazzjoni ppreżentata mill-gvernijiet ta' Stat Membru jew mill-Kummissjoni. Dawn id-deċiżjonijiet huma importanti ħafna għall-applikazzjoni xierqa u uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi. Per eżempju, deċiżjonijiet preliminari huma vitali fl-interpretazzjoni ta' leġislazzjoni dwar l-ugwaljanza sesswali. NGOs, trejtdjunjins u organizzazzjonijiet interessati oħrajn fi Stati Membri jistgħu jfittxu kjarifika tad-dispożizzjonijiet tad-Direttivi u jittestjaw il-liġi f'pajjiżhom billi strateġikament iġibu każijiet li jisforzaw lill-qrati nazzjonali sabiex jagħmlu każijiet ta' referenza ġudizzjarja lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

Żewġ qrati Ġermaniżi rreferew kwistjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar konformità mad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol ta' dispożizzjoni fil-leġislazzjoni nazzjonali taħt liema kuntratti ta' terminu fiss jistgħu jsiru minn ħaddiema ta' 52 sena jew aktar (Każijiet C-144/04 *Mangold*, ĠU C 146/1 tad-29.5.2004 u Każ C-261/04 *Schmidt*, ĠU C 228/41 tal-11.9.2004, għalkemm din ta' l-aħħar ġiet imwaqqfa – għall-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-UE* (ĠU) ara <http://europa.eu.int/eur-lex/>).

Qorti Ungeriża talbet ukoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej dwar jekk dispożizzjoni tal-Kodiċi Kriminali Ungeriż, li tagħmel l-użu pubbliku ta' stilla ħamra b'ħames ponot offiża minuri, hijiex kumpatibbli mad-Dritt Komunitarju u l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni (Każ C-328/04 *Vajnai Attila*, ĠU C 262/15 tat-23.10.2004). Il-kwistjoni hija dwar jekk id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika tippermettix nies jesprimu ruħhom dwar konvinzjonijiet politiċi permezz ta' simbolu. Qorti Spanjola għamlet referenza preliminari wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej li tinvolvi interpretazzjoni tan-nozzjoni ta' diżabilità għall-għanijiet tal-protezzjoni mogħtija mid-Direttiva 2000/78/KE (Każ C-13/05; *Chacón Navas*, ĠU C 69/8 tad-19.03.2005).

Referenzi ta' dan it-tip jistgħu jkunu twal, speċjalment fejn il-kwisjoni tiġi minn qorti ta' l-aħħar istanza. Kwistjonijiet mill-qrati nazzjonali rigward id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza u eventwalment sentenzi mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej huma mistennija jiżdiedu b'mod sostanzjali fis-snin li ġejjin. Madanakollu, sentenzi nazzjonali rigward id-Direttivi dwar l-Ugwaljanza bdew ħerġin mill-Istati Membri (ara t-tabelli għal xi eżempji).



## Każijiet tal-Qorti rigward diskriminazzjoni

### Il-Belġju u Franza: Sidien ikkundannati għal diskriminazzjoni razzjali

F'Diċembru 2004, il-Qorti Kriminali ta' Antwerp, fil-Belġju, kkundannat sid ta' dar għal diskriminazzjoni għaliex irrifjuta li jkri d-dar lil koppja Belġjana ta' oriġini mill-Congo. Is-sid ordna lill-aġenzija tal-kiri sabiex 'preferibilmment ma tikrix lill-barranin'. Iċ-Ċentru għall-Opportunitajiet Indaq u kontra r-Razziżmu, il-korp speċjalizzat fil-Belġju, ipparteċipa fil-każ mal-prosekutur pubbliku. Madwar, 7% ta' l-ilmenti ta' razziżmu riċevuti miċ-Ċentru kull sena jirrigwardaw il-*housing*. Sid id-dar ġie kkundannat iħallas EUR 250 f'danni liċ-Ċentru.

F'Settembru 2004, il-Qorti Kriminali ta' Grenoble, fi Franza, ikkundannat sidt talli rrifjutat li tbiġh art lil 'Għarbi', billi argumentat li beżgħet li jikkawża problemi lill-ġirien. Il-Qorti kkundannatha tħallas EUR 10 000, ikkundannatha għal erba' xhur ħabs sospiżi u ordnatilha tħallas EUR 1 500 f'danni lix-xerrej u EUR 500 lil martu. Il-Qorti ordnat li l-kundanna tiġi ppubblikata fil-bullettin professjonali tal-federazzjoni ta' l-ispekulaturi ta' l-art u tat danni liż-żewġ NGOs li sostnew lill-vittmi, MRAP u SOS Racism.

### Il-Finlandja: Annullament ta' deċiżjoni Ekkleżjastika li tipprojbixxi lil dawk li jgħixu f'relazzjoni reġistrata ta' l-istess sess milli jsiru kappillani

Il-Qorti Amministrattiva ta' Vaasa annullat id-deċiżjoni tal-Knisja Luterana Evanġelika li persuna ma kinitx eliġibbli sabiex issir kappillan, għaliex kienet tgħix f'relazzjoni pubblika ta' l-istess sess u avżat li ser tirreġistra r-relazzjoni b'mod uffċjali. Dan instab li jikser l-Att kontra d-diskriminazzjoni li jipprojbixxi diskriminazzjoni *inter alia* abbażi ta' orjentament sesswali jew 'raġunijiet oħrajn relatati mal-persuna', u li wieħed ikun f'relazzjoni ta' l-istess sess instab li hija raġuni oħra. Fid-Dritt Finlandiż għall-knejjes, e.g. l-Ordni tal-Knisja jew l-Att dwar il-Knisja, m'hemmx eċċezzjoni li timplimenta l-eċċezzjoni ta' 'l-ethos reliġjuż' ta' l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol.

### L-Irlanda: il-Qorti tax-Xogħol għandha toqgħod fuq id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika sabiex issib tkeċċija inġusta abbażi tar-razza

Qabel it-traspożizzjoni, il-Liġi Irlandiża rigward il-piż tal-prova ma kinitx konformi mad-Direttivi. Meta l-Qorti tax-Xogħol semgħet il-każ ta' *Citibank v. Massinde Ntoko* fit-8 ta' Marzu 2004 (EED045), id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika u d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol, ma kinux għadhom ġew trasposti fil-liġi Irlandiża. Minkejja dan, il-Qorti qagħdet direttament fuq id-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika dwar il-piż tal-prova u sabet li Citibank iddiskrimina kontra ħaddiem mill-Congo abbażi tar-razza tiegħu meta ġie mkeċċi għax għamel użu tat-telefon fuq ix-xogħol għal użu personali. Il-Qorti rat il-każistika tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, skond liema, wieħed jista' jikkonforma ma' Direttiva mhux implimentata sabiex tingħata interpretazzjoni informata tal-legislażzjoni nazzjonali f'każijiet li jinvolvu individwi: il-qrati nazzjonali huma meħtieġa jinterpretaw dispożizzjonijiet nazzjonali safejn possibbli fid-dawl tat-tfassila u l-għan tad-Direttivi sabiex jintaħaq ir-riżultat mixtieq mid-Direttiva. Il-konvenut ġie ordnat iħallas lill-attur kumpens ta' EUR 15 000 (EUR 2 000 għat-telf ta' qligħ u 13 000 EUR għad-dannu mhux pekunjarju sabiex jiġi kkumpensat għall-umiljazzjoni mġarrba u d-deprivazzjoni tad-dritt fundamentali għal trattament ugwali u libertà mill-preġudizzju razzjali).

### L-Ungerija: Drittijiet ta' NGOs li jidhru bħala atturi f'każijiet ta' diskriminazzjoni ta' interess pubbliku

NGO favur il-gays u leżbjani introduċiet kawża kontra l-Università Gáspár Károli tal-Knisja Riformata, fejn allegat li l-Università ddiskriminat kontra studenti gay tat-teoloġija. Wara li keċċiet student tat-teoloġija li ammetta l-omosesswalità tiegħu lill-professur tiegħu, il-Kunsill tal-Fakultà tat-Teoloġija ppublika dikjarazzjoni ġenerali fl-10 ta' Ottubru 2003, fejn iddikjara illi "l-knisja ma tistax tapprova [...] l-edukazzjoni, reklutaġġ u impjeg ta' *pastors* u għalliema tar-reliġjon li huma omosesswali jew jgħixu ħajja omosesswali." Il-qrati ta' l-ewwel u tat-tieni istanza sabu li l-Università esprimiet il-libertà tagħha fil-limiti kostituzzjonali u ma ddiskriminatx kontra omosesswali. L-NGO ippjanat li titlob reviżjoni mill-Qorti Suprema.

Dan il-każ kellu implikazzjonijiet importanti għal NGOs li jgħibu 'l quddiem każijiet ta' orjentament sesswali fl-interess pubbliku (*Actio popularis*): il-Qorti stabbiliet illi l-omosesswalità hija fattur inerenti tal-personalità, li hija prekondizzjoni ta' talba *actio popularis* taħt l-Att Ungeriż għal Trattament Ugwali. Barra minn dan, NGOs m'għandhomx jistennew sa ma sseħħ diskriminazzjoni sabiex jieħdu azzjoni – huwa biżżejjed ksur ta' drittijiet li jista' jseħħ fil-futur minħabba liġi, Prattika diskriminatorja, eċċ. li jkunu qed jiċċalengjaw.

### **Is-Slovenja: Deċiżjoni Kostituzzjonali dwar Ordinanza li twaqqaf mill-bini ta' moskej**

F'Lulju ta' l-2004, il-Qorti Kostituzzjonali Slovena ddeċidiet illi domanda ta' referendum dwar jekk Ordinanza tal-Muniċipalità Urbana ta' Ljubljana għandhi tkun infurzata kienet ksur tad-dritt Kostituzzjonali milli wieħed jesprimi r-reliġjon tiegħu b'mod liberu. L-Ordinanza in kwistjoni stabbiliet kondizzjonijiet għall-bini ta' positiviet intiżi għall-użu reliġjuż u attivitajiet kulturali tal-Komunità Iżlamika reliġjuża. Il-Qorti ddikjarat li l-għan li wieħed jiddeċiedi dwar l-użu ta' art b'referendum kien attwalment sabiex jagħmel il-bini tal-moskea impossibbli, u għalhekk referendum dwar l-Ordinanza jfisser dwar jekk il-membri ta' komunità Iżlamika reliġjuża tistax teżerċita b'mod liberu r-reliġjon tagħha fil-moskea jew le, u dan kien kontra l-kostituzzjoni.

### **L-Iżvezja: Azzjoni pożittiva bbażata fuq etniċità għad-dħul fl-università**

L-Università ta' Uppsala introduċiet 'kriterji ta' selezzjoni alternattivi' għall-istudenti tal-liġi, fejn 10% tal-postijiet għall-programm tal-liġi ġew riżervati għal dawk li l-ġenituri tagħhom it-tnejn kienu 'mwiela barra'. Dan kien skond leġislazzjoni minn Jannar 2003 immirata għall-pluraliżmu fl-edukazzjoni superjuri. Il-prattika kienet iċċalenġjata minn żewġ nisa bi krediti akkademiċi għolja li setgħu jidhru għall-programm, li kieku ma kienx għall-kriterji ta' selezzjoni alternattivi. Sostnew li l-kriterji ta' selezzjoni kienu diskriminatorji taħt l-Att ta' l-Istudenti Universitarji, li ma jipprovdux għal trattament preferenzjali. Il-Qorti tad-Distrett ta' Uppsala sabet f'Jannar ta' l-2005 li l-prattika universitarja kienet kuntrarja għad-divjet tad-diskriminazzjoni diretta, meta din ibbażat ruħha fuq il-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej relatata ma' azzjoni pożittiva dwar is-sess, i.e. azzjoni pożittiva m'hijjex permessa fejn hemm differenza ċara bejn ir-raġunijiet ta' min ippreżenta r-rikors. Iż-żewġ nisa ġew mogħtija danni ta' 75 000 SEK (madwar 7 500 EUR). Il-każ x'aktarx li se jkun appellat.

### **L-Olanda: Nuqqas milli tingħata akkomodazzjoni raġjonevoli f'taħriġ vokazzjonali**

Il-Bureau kontra d-diskriminazzjoni ġab każ kontra assoċjazzjoni li torganizza eżamijiet għas-settur tal-lukandi u r-ristoranti, fejn allega li l-assoċjazzjoni kisret l-Att dwar it-Trattament ugwali abbażi ta' diżabilità jew mard kroniku billi naqset milli tipprovdi akkomodazzjoni raġjonevoli f'taħriġ vokazzjonali. L-assoċjazzjoni offriet eżamijiet 'akkomodanti' lil kandidati li għandhom diżabilità fil-vista. Minkejja dan, intalbu EUR 90 għal tali eżami. Il-Kummissjoni għat-Trattament Ugwali qablet li dan ma jikkonformax ma' l-obbligu taħt l-Att sabiex tiġi pprovduta akkomodazzjoni raġjonevoli għal Persuni b'Diżabilità. L-akkomodazzjoni li kienet meħtieġa f'dan il-każ ma kinitx tammonta għal piż sproporzjonat fuq l-assoċjazzjoni u għalhekk instab li d-diskriminat b'mod illegali. (Każ 2004/140 tas-26 ta' Ottubru 2004).

### **Spanja: Klawnsoli fil-ftehim kollettiv li jisforzaw l-irtirar mal-65 sena annullati mill-Qorti Suprema**

F'żewġ sentenzi tad-9 ta' Marzu 2004, il-Qorti Suprema annullat klawnsoli ta' ftehim kollettiv li jisforzaw ħaddiema jirtiraw mal-65 sena, għalhekk ma kienx hemm dispożizzjoni nazzjonali li tippermetti dan l-irtirar obligatorju. Il-Qorti qagħdet fuq id-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol sabiex tikkonkludi li dan huwa diskriminatorju abbażi ta' l-età li tisforza ħaddiema jirtiraw mal-65 sena jekk m'hemm l-ebda dispożizzjoni li tiġġustifika d-differenzi fit-trattament ibbażati fuq l-età 'permezz ta' oġġettivi leġittimi tal-politika tax-xogħol, suq tax-xogħol u taħriġ vokazzjonali'.

F'Diċembru 2004, il-gvern Spanjol adotta Att sabiex jippermetti r-riintroduzzjoni ta' tali klawnsoli fil-ftehim kollettiv, billi jagħmel rabta bejn 'l-oġġettivi leġittimi tal-politika tax-xogħol, suq tax-xogħol u taħriġ vokazzjonali' u dawn. Dan ifisser li ladarba l-Att huwa adottat mill-Parlament, tali klawnsoli ma jammontawx għal diskriminazzjoni bbażata fuq l-età, safejn, minkejja dan, jistgħu jiġu kkunsidrati bħala oġġettivament u raġjonevolment ġustifikati.

### **Ir-Renju Unit: L-ewwel sejba ta' diskriminazzjoni abbażi ta' orjentament sesswali taħt Regolamenti li jittraspożixxu d-Direttiva li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjeg u fix-xogħol**

F'Jannar ta' l-2005, ir-Regolamenti dwar Impjeg u Ugwaljanza (Orjentament sesswali) ta' l-2003 instab illi ġew miksura għall-ewwel darba. It-Tribunal tax-Xogħol ta' Stratford, f'Londra, sab illi l-attur, *manijer tan-negożju*, kien suġġett għal abbuż fuq perjodu ta' żmien mill-membri superjuri tal-persunal fil-kumpanija tiegħu, Cleanaway, u ġie sfurzati iħalli x-xogħol b'GBP 54 000 (madwar EUR 78 400) fis-sena. Ġie mogħti GBP 35 345 (madwar EUR 51 300) bħala kumpens għal tkeċċija inġusta kostruttiva, u diskriminazzjoni. It-tribunal sab illi min iħaddmu naqas milli jaċċetta jew jagħmel xi ħaġa dwar il-problema, minkejja lmenti preċedenti minn ħaddiem gay. Id-dipartiment tar-riżorsi umani ta' Cleanaway naqas milli jassigura lill-manijers superjuri illi referenzi għall-orjentament sesswali huma inaċċettabbli.

## Rimedji u Sanzjonijiet li jirrigwardaw ksur tad-drittijiet ta' l-individwi


Taħt id-Direttivi, il-qrati nazzjonali għandhom jassiguraw li l-ksur tal-prinċipju rigward it-trattament ugwali għie rimedjat b'mod sodisfaċenti. Sanzjonijiet kontra min jiddiskrimina għandhom ikunu *effettivi* (i.e. jilħqu r-riżultat mixtieq), proporzjonati (i.e. jirriflettu b'mod adegwat il-gravità tat-telfa u/jew ħsara mġarrba) u dissważivi (i.e. divjet ta' atti futuri ta' diskriminazzjoni). Għadu kmieni biex jiġi evalwat b'mod korrett jekk is-sanzjonijiet varji disponibbli rigward l-Istati Membri ta' l-UE jilħqux ir-rekwiżiti. Dan jiġi ċċarat hekk kif aktar każijiet jiġu deċiżi mill-qrati nazzjonali.

Xi Stati Membri għandhom tradizzjonalment sanzjonijiet kriminali imposti għal ċerti forum ta' diskriminazzjoni, speċjalment multi u ħabs. Id-Direttivi KE għandhom, minkejja dan, ġeneralment jiġu implimentati mid-dritt ċivili, tax-xogħol u amministrattiv allura sanzjonijiet tali b'hal kumpens, huma aktar komuni fil-futur. Kumpens finanzjarju jista' jinkludi kumpens għal telf tal-passat u tal-futur u għal danni morali, danni għal ħsara psikjatrika, jew danni eżemplari sabiex jiġi kkundannat min jiddiskrimina. Il-vittima hija kkompensata direttament, b'kuntrast mal-multi kriminali li jiġu mħallsa minflok lill-Istat. Rimedji oħra jinkludu soluzzjoni *interim* sabiex tiegħaf id-diskriminazzjoni u min jiddiskrimina jkun obligat biex jieħu azzjoni sabiex jippreveni jew inaqqas l-effetti tad-diskriminazzjoni fuq il-vittima, b'hal d'ħul mill-ġdid fix-xogħol jew l-adozzjoni ta' Kodoċi ta' Prattika partikolari. Xi drabi hemm sanzjonijiet speċifiċi fuq kumpaniji jew organizzazzjonijiet li huma differenti minn dawk imposti fuq individwi.

Bosta pajjiżi għandhom sanzjonijiet illi huma mfassla speċjalment sabiex jindirizzaw id-diskriminazzjoni, jew barra minn dan aktar sanzjonijiet ġenerali ċivili, kriminali jew amministrattivi. Per eżempju, sanzjonijiet fil-Belġju jinkludu multi tal-liġi kriminali, ħabs u kumpens għal danni, danni ċivili, dikjarazzjoni ta' klawsoli ta' kuntratt nulli u bla effett, ordni ta' twaqqif ta' prattiki diskriminatorji u l-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni. F'każijiet fejn impjegati ġew imkeċċija għaliex ilmentaw minn diskriminazzjoni (vittimizzazzjoni), jistgħu jiddaħħlu lura għax-xogħol u jitħallsu b'lura, jew inkella jistgħu jfittxu danni ekwivalenti għal sitt xhur ta' remunerazzjoni.

FI-Italja, taħt id-Digriet li jittraspożixxu d-Direttivi, imħallef jista' jordna li komportamenti diskriminatorji jieqfu, l-effetti tagħhom jiġu mneħħija u s-sitwazzjoni ta' qabel id-diskriminazzjoni tiġi lura. Dan huwa bbażat fuq l-idea li kull att diskriminatorju huwa illegali u inġust u konsegwentement null. Tkeċċijiet diskriminatorji huma dejjem ikkunsidrati nulli u bla effett u ħaddiema li ġew imkeċċija mix-xogħol jistgħu jiġu ingaġġati mill-ġdid f'posthom. L-imħallfin jistgħu jordnaw ukoll il-pubblikazzjoni ta' deċiżjoni f'gazzetta nazzjonali. Il-vittmi jistgħu jitolbu kumpens finanzjarju u danni oħra. Impriżi misjuba ħatja ta' diskriminazzjoni abbażi ta' oriġini etnika jew razza, reliġjon jew nazzjonalità jista' jkollhom xi offerti, kuntratti jew għajjnuna mill-korpi pubbliċi mneħħija. F'ċerti każijiet, impriżi jistgħu jiġu esklużi mill-offerti jew għajjnuna finanzjarja sa sentejn.





Equinet, in-Netwerk Ewropew ta' Korpi għall-Ugwaljanza, huwa mmexxi mill-Kummissjoni Olandiża għat-Trattament Ugwali mal-Grupp għall-Politika Migratorja li jaħdem bħala s-segretarjat.

*L-għan ta' l-Equinet huwa sabiex tiġi żviluppata l-kooperazzjoni u jiġi ffaċilitati il-bdil ta' informazzjoni bejn Organizzazzjonijiet għall-Ugwaljanza minn madwar l-UE – 18-il Stat Membru huma rappreżentati – bil-mira li jiġu applikati l-liġijiet ta' l-UE għall-ugwaljanza b'mod uniformi u l-protezzjoni legali kontra d-diskriminazzjoni tkun imkabbra.*

*Flimkien ma' l-għajnuna lill-Organizzazzjonijiet għall-Ugwaljanza sabiex jissodisfaw il-mandati tagħhom permezz tal-bdil ta' tagħrif, esperti legali u opinjonijiet dwar l-istrategġji ta' infurzar, aħna rridu ninkoraġġixxu d-djalogu ma' l-Istituzzjonijiet Ewropej sabiex tkun promossa l-inklużjoni ta' konsiderazzjonijiet ta' ugwaljanza f'politika u programmi ta' l-UE.*

*Equinet topera permezz ta' gruppi tax-xogħol, sessjonijiet ta' taħriġ għall-ħaddiema u bdil ta' informazzjoni fuq prattiki tax-xogħol u fuq il-liġijiet u l-politika applikati madwar l-UE. Dan jgħin mhux biss għat-titjib ta' l-eżekuzzjoni tal-Organizzazzjonijiet għall-Ugwaljanza, imma sabiex tissaħħaħ l-indipendenza tagħhom u sabiex is-sostenn għall-vittmi tad-diskriminazzjoni jkun aktar effettivi. Din il-kooperazzjoni tfisser ukoll illi l-Korpi għall-Ugwaljanza ikunu kapaċi jtgħallmu mill-esperjenza minn imkejjen oħra u sabiex jagħmlu rakkommandazzjonijiet aktar informati għall-leġislazzjoni u proċeduri fil-pajjiżi tagħhom stess.*

*In-netwerk huwa sostnut mill-Programm ta' Azzjoni Komunitarja sa l-aħħar ta' l-2006 u wieħed mill-għanijiet immedjati tagħna huwa li noħolqu l-kondizzjonijiet għas-sostenibilità tagħha.*

ALEX-GEERT CASTERMANS, PRESIDENT, KUMMISSJONI OLANDIŻA GĤAT-TRATTAMENT UGWALI



## Korpi ta' Ugwaljanza fi Stati Membri ta' l-UE

L-Artikolu 13 tad-Direttiva li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn persuni bla distinzjoni ta' razza jew oriġini etnika (2000/43/KE) jeħtieġ li Stati Membri jistabbilixxu korp għall-promozzjoni ta' ugwaljanza etnika u razzjali. Il-kompetenzi tiegħu jinkludu għajnuna indipendenti pprovduta lill-vittmi ta' diskriminazzjoni sabiex imexxu ilmenti tagħhom, jagħmlu s'fharriġ indipendenti u jippubblikaw rapporti indipendenti u rakkommandazzjonijiet dwar materji rigward id-diskriminazzjoni. Ħafna korpi ta' ugwaljanza jista' jkollhom mandat li jkopri raġunijiet oħrajn ta' diskriminazzjoni barra minn din ta' oriġini etnika jew razza. Dan mhux meħtieġ mid-dritt ta' l-UE, għalkemm il-Kummissjoni Ewropea tinkoraġġixxi dan bis-sħiħ (ara t-tabella għal elenku ta' l-ugwaljanza u korpi simili fil-25 Stat Membru ta' l-UE u fir-Rumanija u l-forom ta' diskriminazzjoni li dawn ikopru).



## Korpi għall-ugwaljanza (jew entitajiet simili)

|                    | Korp għall-Ugwaljanza  | Kuntatt   | Raġunijiet  |
|--------------------|--|---|---|
| Il-Belġju          | Ċentru għall-Ugwaljanza Opportunitajiet u Oppożizzjoni kontra r-Razziżmu — <i>Centre pour l'égalité des chances et la lutte contre le racisme — Centrum voor gelijkheid van kansen en voor racismebestrijding</i>  | Tel. +32 2 212 3000<br>www.diversiteit.be   | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll raġunijiet oħrajn               |
| Ir-Repubblika Ċeka | Id-Difensur Pubbliku tad-Drittijiet — <i>Veřejný ochránce práv</i>   | Tel. +420 542 542 111<br>www.ochrance.cz  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll is-sess                         |
| Id-Danimarka       | Istitut Daniż għad-Drittijiet tal-Bniedem — <i>Institut for Menneskerettigheder</i>  | Tel. +45 326 98888<br>www.humanrights.dk  | Orìġini etnika jew razza  |
| Il-Ġermanja        | Kummissarju tal-Gvern Federali għall-Migrazzjoni, ir-Rifuġjati u l-Integrazzjoni — <i>Beauftragten der Bundesregierung für Migration, Flüchtlinge und Integration</i><br><br>Kummissjonarju tal-Gvern Federali għall-Ftìgijiet ta' Persuni b' Diżabilità — <i>Behindertenbeauftragte</i> | Tel. +49 30 20655-1835 jew +49 1888-555-1835<br>www.integrationsbeauftragte.de<br><br>Tel. +49 1888 5272944<br>www.behindertenbeauftragter.de | Orìġini etnika jew razza<br><br>Diżabilità  |
| L-Estonja          | L-Uffiċċju tal-Kanċillier tal-Ġustizzja ta' l-Estonja — <i>Eesti Vabariigi Oiguskantsler</i>   | Tel. +372 693 8400<br>www.oiguskantsler.ee  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll is-sess u raġunijiet oħrajn     |
| Il-Greċja          | L-Ombudsman Grieg  | Tel. + 30 801 11 25 000<br>www.synigoros.gr   | Ir-raġunijiet kollha  |
| Spanja             | Kunsill Nazzjonali Diżabilità — <i>Consejo Nacional de la Discapacidad Ombudsman — El Defensor del Pueblo</i>  | Tel. +34 91 363 70 00<br>www.mtas.es<br>Tel. +34 91 432 79 00<br>www.defensordelpueblo.es   | Diżabilità<br><br>Ir-raġunijiet kollha  |
| Franza             | Awtorità Għolja li tiġġieled id-Diskriminazzjoni u favur Ugwaljanza — <i>Haute autorité de lutte contre les discriminations et pour l'égalité</i>  | Tel. +33 08 1000 5000<br>www.le114.com  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll is-sess u raġunijiet oħrajn     |
| L-Irlanda          | Awtorità għall-Ugwaljanza — <i>Equality Authority</i>  | Tel. +353 1 4173333<br>www.equality.ie  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll raġunijiet oħrajn               |
| L-Italja           | Uffiċċju Nazzjonali kontra d-Diskriminazzjoni — <i>Ufficio Nazionale Antidiscriminazioni Razziali</i>  | Tel. +39 06 42153 261<br>www.pariopportunita.gov.it   | Orìġini etnika jew razza  |
| Ċipru              | L-Uffiċċju tal-Kummissjonarju għall-Amministrazzjoni ( <i>Ombudsman</i> )  | Tel. +357 22 45 63 00<br>ombudsman@cytanet.com.cy   | Orìġini etnika jew razza kif ukoll reliġjon, politika jew twemmin ieħor, ilsien, nazzjonalità |
| Il-Latvja          | L-Uffiċċju Nazzjonali Latvjan għad-Drittijiet tal-Bniedem — <i>Valsts Cilvēktiesību Birojs</i>   | Tel. +371 7287210<br>www.vcb.lv   | Ir-raġunijiet kollha  |
| Il-Litwanja        | Uffiċċju ta' l-ombudsman għall-Opportunitajiet Indaqs — <i>Lygių galimybių kontrolieriaus tarnyba</i>  | Tel. +370 5 261 27 87<br>www.lygybe.lrs.lt  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi   |

## Korpi għall-ugwaljanza (jew entitajiet simili)

|                               | Korp għall-Ugwaljanza   | Kuntatt   | Raġunijiet   |
|-------------------------------|---|---|--|
| <b>L-Lussemburgu</b>          | Kummissjoni Permanenti Speċjali kontra d-Diskriminazzjoni Razzjali — <i>Commission spéciale permanente contre la discrimination raciale</i>   | Tel. +352 478 36 92   | Orìġini etnika jew razza   |
| <b>L-Ungerija</b>             | Awtorit  għat-Trattament Ugwali — <i>Egyenl  B n sm d Hat s g</i>   | Tel. +36 1 235 45 05<br>ebh@icsszem.hu  | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll is-sess u raġunijiet oħrajn  |
| <b>Malta</b>                  | Mhux imwaqqfa. F'idejn il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza għall-Irġiel u n-Nisa tista' tiġi estiża  |   |  |
| <b>L-Olanda</b>               | Kummissjoni għat-Trattament Ugwali — <i>Commissie Gelijke Behandeling</i>   | Tel. +31 30 888 38 88<br>www.cgb.nl   | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi kif ukoll is-sess u raġunijiet oħrajn  |
| <b>L-Awstrija</b>             | Uffiċċju għat-Trattament Ugwali — <i>Anwaltschaft f r Gleichbehandlungsfragen</i><br><i>Ombudsman</i> għal Opportunitajiet ta' Impjieġ Indaq — <i>Anw ltin f r die Anw ltin f r die Gleichbehandlung von Frauen und M nnern in der Arbeitswelt</i>  | Tel. +43 1 532 0244   | Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi minbarra d-diżabilit , kif ukoll is-sess   |
| <b>Il-Polonja</b>             | Kummissjunarju għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Ċivili — <i>Rzecznika Praw Obywatelskich</i><br>Plenipotenzjarju Governattiv għall-Istatus Indaq tan-Nisa u ta' l-Irġiel — <i>Pelnomocnika Rzadu ds. Rownego Statusu Kobiet i Mezczyzn</i><br>Plenipotenzjarju Governattiv għal Persuni b'Diżabilit  — <i>Pelnomocnik Rzadu do Spraw Os b Niepełnosprawnych</i> | Tel. +48 22 55 17 700<br>www.brpo.gov.pl<br>Tel. +48 22 520 08 31<br>www.rownystatus.gov.pl<br>Tel. +48 22 826 96 73<br>www.mpips.gov.pl/<br>osobyniepełnosprawne.php | Ir-raġunijiet kollha<br>Ir-raġunijiet kollha speċifikati fiż-żewġ Direttivi minbarra d-diżabilit , kif ukoll is-sess<br>Diżabilit              |
| <b>Il-Portugall</b>           | Kummissjunarju Għoli għall-Immigrazzjoni u Minoritajiet Etniċi — <i>Alto Comissariado para a Imigra o e Minorias  tnicas</i>  | Tel. +351 218 10-61 00<br>www.acime.gov.pt  | Orìġini etnika jew razza   |
| <b>Is-Slovenja</b>            | Uffiċċju għal Opportunitajiet Indaq — <i>Urad za enake moţnosti</i>   | Tel. +386 1 478 84 60<br>www.uem-rs.si  | Ir-raġunijiet kollha   |
| <b>Ir-Repubblika Slovakka</b> | Ċentru Slovakk Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem — <i>Slovensk ho n rodn ho strediska pre l dsk  pr va</i>   | Tel. +421 2 572 039 11/14<br>www.snspl.sk   | Ir-raġunijiet kollha   |
| <b>Il-Finlandja</b>           | <i>Ombudsman</i> għall-Minoritajiet — <i>V hemmistovaltuutettu</i>  | Tel. + 358 10 60 47048<br>www.vahemmistovaltuutettu.fi  | Orìġini etnika jew razza   |
| <b>L- żvezja</b>              | <i>Ombudsman</i> kontra d-Diskriminazzjoni Etnika — <i>Ombudsmannen mot etnisk diskriminering</i><br><i>Ombudsman</i> għal Persuni b'Diżabilit  — <i>Handikappombudsmannen</i>  | Tel. +46 8 508 887 00<br>www.do.se<br>Tel. +46 8 20 17 70<br>www.handikappombudsmannen.se   | Orìġini etnika jew razza<br>Diżabilit    |
| <b>Ir-Renju Unit</b>          | Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilit  — <i>Disability Rights Commission</i><br>Kummissjoni għall-Ugwaljanza għall-Irlanda ta' Fuq — <i>Equality Commission for Northern Ireland</i><br>Kummissjoni għall-Ugwaljanza Razzjali — <i>Commission for Racial Equality</i>   | Tel. +44 8457 622 633<br>www.drc-gb.org<br>Tel. +44 28 90 500600<br>www.equalityni.org<br>Tel. +44 20 7939 0000<br>www.cre.gov.uk                                     | Diżabilit <br>Orìġini etnika u razza, twemmin reliġjuż u opinjoni politika, sess, diżabilit , orjentament sesswali<br>Orìġini etnika jew razza |
| <b>Ir-Rumanija</b>            | Il-Kunsill Nazzjonali tar-Rumanija għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni — <i>Consiliul National pentru Combaterea</i>   | Tel. +40 21 312 6578/79<br>www.cncd.org.ro  | Ir-raġunijiet kollha   |

## Titjib tas-Sitwazzjoni tar-Roma fl-UE



Għal sekli sħaħ, ir-Roma <sup>1</sup> kienu suġġetti għal diskriminazzjoni u persekuzzjoni. Għalkemm m'hemmx qbil dwar l-oriġini storiċi tagħhom, naqblu – b'mod partikolari fuq is-saħħa ta' l-evidenza lingwistika - illi n-nies Roma ġew minn gruppi li ħallew is-sub-kontinent Indjan lejn l-aħħar ta' l-ewwel millennju AD.

Għalkemm l-istatistiċi rigward l-oriġini etnika m'humieq miġbura f'xi pajjiżi, stimi jissuġġerixxu illi hemm madwar 3-4 miljun Roma fl-UE u forsi 2-3 miljun oħra fil-Bulgarija u fir-Rumanija, li ser jingħaqdu ma' l-UE fl-2007.

It-tkabbir ta' l-UE għen fl-attenzjoni fuq id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni iffaċċjati mill-Komunitajiet tar-Roma kemm fi Stati Membri “għodda” u “qodma”. Ħafna mir-responsabilità għall-indirizzar ta' dawn l-isfidi tinsab fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali. Imma l-firxa ta' politika Ewropea u programmi jstgħu jgħinu fis-sostenn ta' awtoritajiet nazzjonali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Din il-parti tar-rapport telenka numru ta' inizjattivi illi l-Kummissjoni Ewropea ħadet reċentement sabiex tippromwovi l-inklużjoni soċjali tar-Roma.

### IN-NATURA U L-ISKALA TA' L-ISFIDA

Ir-Roma jiffaċċjaw diskriminazzjoni u esklużjoni soċjali fi gradi diversi madwar l-UE. Fil-pajjiżi kollha fejn statistiċi huma disponibbli jew fejn saru sondaġġi, juru illi r-Roma għandhom sostanzjalment livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni, rati aktar għolja ta' qgħad, livelli ta' dħul aktar baxxi u b'mod sinifikanti u saħħa aktar batuta mill-bqija tal-popolazzjoni (ara, b'mod partikolari, il-Kummissjoni Ewropea, *Is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea akbar* <sup>2</sup>). F'bosta Stati Membri, tfa' Roma huma normalment segregati fl-iskola, sikwit imorru fi 'skejjel speċjali' għal dawk b'diffikultajiet fit-tagħlim jew jiġu mpoġġija fi klassijiet speċjali. Barra minn hekk, bosta Roma, jgħixu f'żoni deprivati u segregati b'*housing* ta' kwalità baxxa, nuqqas ta' servizzi bażiċi u aċċess limitat għall-kura tas-saħħa ta' kwalità tajba (ara l-Kaxxa).

(1) It-terminu “Roma” huwa użat f'dan ir-Rapport sabiex jirreferi għal persuni li jiddeskrivu lilhom infushom bħala Roma, Żingari, Vjaġġaturi, Manouches, Sinti u gruppi oħra kkunsidrati bħala 'Żingari'. L-użu tat-terminu “Roma” huwa intenzjonat sabiex jiġbor id-diversità li teżisti fi ħdan dawn il-komunitajiet jew sabiex tippromwovi sterjotipi.

(2) [http://www.europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/pdf/pubst/roma04\\_en.pdf](http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/pdf/pubst/roma04_en.pdf)

## Is-Sitwazzjoni tar-Roma fi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea

L-istatistiċi li ġejjin jagħtu indikazzjoni tas-sitwazzjoni tar-Roma fl-Ewropa.

Aktar min-nofs tat-tfal fi skejjel speċjali fis-Slovakkja kienu ta' oriġini tar-Roma fl-2002-03.

Nofs biss tat-tfal Roma attendew skola fil-Ġermanja fl-2003 u sa 80% ta' dawk li kienu fi skejjel speċjali.

Tfal Roma huma wkoll rappreżentati b'mod esaġerat fi skejjel speċjali fl-Ungerija, fil-Bulgarija, fil-Polonja u fis-Slovenja.

'Il fuq minn 85% tar-Roma ta' età li jistgħu jaħdmu ma kinux impjegati fis-Slovakkja fl-2003.

'Il fuq minn 80% tar-Roma għandhom dħul iktar baxx mill-faqar nazzjonali fil-Bulgarija, fl-Ungerija, fir-Rumanija u fis-Slovakkja, skond is-sondaġġ ta' l-UNDP li sar fl-aħħar ta' l-2001.

Madwar 45% tar-Roma fl-Ungerija u fis-Slovakkja ma kellhomx tojlit ġewwa skond l-istess sondaġġ.

Madwar 65% tar-Roma li pparteċipaw fis-sondaġġ fir-Rumanija u 45% ta' dawk fil-Bulgarija kienu jgħixu fi djar bla ilma ġieri.

Sors: Kummissjoni Ewropea, *Is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea akbar* u l-Programm ta' l-Iżvilupp tan-Nazzjonijiet Uniti (UNDP), *Avoiding the dependency trap*.

## SOSTENN KONĊERTAT GĦAL TITJIB TAS-SITWAZZJONI TAR-ROMA

Il-leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni ta' l-UE deskritta fil-Parti I ta' dan ir-Rapport tista' tgħin lir-Roma jiddefendu d-dritt għal trattament ugwali sabiex isibu impjieg, taħriġ, edukazzjoni, sigurtà soċjali, kura tas-saħħa, *housing*, beni u servizzi. Il-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Programm ta' Azzjoni Komunitarja għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni qed tipprovdi taħriġ lil organizzazzjonijiet li jiddefendu lir-Roma flimkien ma' NGOs oħrajn sabiex tagħtihom l-informazzjoni legali u prattika meħtieġa sabiex jiġu difiżi vittmi ta' diskriminazzjoni.

L-UE qed timmonitorizza b'mod attiv rigward minoritajiet, inklużi r-Roma, u l-protezzjoni li jirċievu fil-pajjiżi kandidati bħala parti mill-proċess ta' sħubija. L-Ċentru Ewropew għall-Immonitorjar tar-Razziżmu u l-Ksenofobija reċentement żied il-monitoraġġ tas-sitwazzjoni tar-Roma fi Stati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. Barra minn dan, il-Kummissjoni tinkoraġġixxi awtoritajiet nazzjonali sabiex jieħdu in konsiderazzjoni l-ħtiġiet tal-Komunitajiet tar-Roma meta jfasslu l-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-impjieg u inklużjoni soċjali.

Fondi ta' l-UE jipprovdu sostenn addizzjonali għall-inklużjoni tar-Roma. Il-Kummissjoni qed taħdem ma' awtoritajiet nazzjonali u NGOs sabiex ikun assigurat illi l-fondi jilħqu l-mira tagħhom u sabiex is-sistemi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ta' politika jiġu ameljorati. Hawn taħt hawn eżempji ta' xi proġetti sostnuti mill-UE.

Sabiex jiġu ffaċċjati l-isfidi multi-dimensjonali ffaċċjati mir-Roma, il-Kummissjoni qed tieħu azzjoni sabiex jiġi assigurat illi l-politika Ewropea u programmi qed jaħdmu flimkien b'mod koerenti. Bħala l-ewwel pass, sar studju kkummissjonat (ara l-Kaxxa) sabiex tiġi analizzata s-sitwazzjoni tar-Roma fl-UE akbar u sabiex jiġu riveduti l-politiki rilevanti. Dan l-istudju sar b'kooperazzjoni ma' NGOs tar-Roma u wara konsultazzjoni ma' awtoritajiet nazzjonali.



### Is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea akbar

L-istudju, li huwa sostnut minn fondi fi programmi Komunitarji ta' kontra d-diskriminazzjoni u ta' l-inklużjoni soċjali, eżamina l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien u tax-xogħol tar-Roma f'pajjiżi ta' l-UE fejn huma numerużi. Abbażi ta' dan, għamel numru ta' rakkomandazzjonijiet għal politiki dwar l-edukazzjoni, l-impjeg, il-*housing* u l-kura tas-saħħa. B'mod partikulari, irrakkomanda li l-UE għandha:

- tqajjem kuxjenza rigward is-sitwazzjoni tar-Roma u d-diskriminazzjoni li jsofru u l-monitoraġġ ta' l-effett tal-liġijiet il-ġodda tad-Direttiva rigward l-Ugwaljanza Razzjali;
- issaħħaħ koordinazzjoni bejn politika Ewropea differenti u programmi u bejn l-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn;
- jiġi assigurat illi r-Roma huma involuti fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni ta' politiki u sabiex kwistjonijiet tar-Roma jiġu meħuda in konsiderazzjoni fil-politika rilevanti ta' l-UE u dawk nazzjonali;
- tistabbilixxi metodi għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' l-effettività ta' programmi għall-ameljorazzjoni tas-sitwazzjoni tar-Roma;

illli Stati Membri għandhom:

- jirrikonoxxu r-Roma bħala grupp etniku distint għal azzjoni prijoritarja taħt politiki ta' inklużjoni soċjali u impjeg;
- jiżviluppaw metodi għall-ġbir ta' *data* dwar l-orijini etnika b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea;
- jassiguraw illi l-awtoritajiet pubbliċi kollha fil-livell nazzjonali u lokali jinkludu korpi inkarigati milli jassiguraw l-inklużjoni tar-Roma;

u illi organizzazzjonijiet tar-Roma għandhom:

- ikunu aktar attivi sabiex ineñħu l-isterjotip u l-preġudizzju kontra r-Roma;
- jinkoraġġixxu l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni ta' minoritajiet etniċi sabiex jiġu identifikati aħjar il-problemi li jiffaċċjaw;
- jiġu inklużi f'NGOs Ewropej u networks involuti fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-estensjoni tad-drittijiet bażiċi.

Ir-Rapport huwa disponibbli *online* bil-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż fuq:

[http://www.europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/pdf/pubst/roma04\\_en.pdf](http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/pdf/pubst/roma04_en.pdf)

Bħala risposta għar-rakkomandazzjonijiet ta' l-istudju, il-Kummissjoni ffurmat Grupp speċjali ta' Servizz sabiex jiġi assigurat illi l-firxa wiesgħa ta' politiki u programmi li qed jiġu implimentati sabiex ikunu kkonsidrati kwistjonijiet tar-Roma jkunu koordinati b'mod xieraq. Erbatax-il direttorat tal-Kummissjoni differenti huma rappreżentati fil-Grupp li jkopri mhux biss l-impjegji u affarijiet soċjali imma wkoll it-tbabbir u r-relazzjonijiet esterni, l-edukazzjoni u l-kultura, il-ġustizzja u d-drittijiet tal-bniedem, il-kura tas-saħħa, il-politika reġjonali u l-iżvilupp rurali fost oħrajn. L-għan huwa li jiġu żviluppati gwidi ta' politika, sabiex tiġi skambjata informazzjoni bejn id-direttorati konċernati, u jiġi assigurat illi jsir l-aħjar użu tal-fondi disponibbli u illi jitgħallmu lezzjonijiet mill-esperjenza tal-passat.

L-UE qed tikkoopera wkoll ma' organizzazzjonijiet oħrajn f'dan il-qasam. Per eżempju, il-Kummissjoni Ewropea hija membru tal-Kumitat ta' Tmexxija għall-*Għaxar Snin ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015*, li ġie mniedi f' Sofia fi Frar 2005 (ara l-Kaxxa).

### Għaxar Snin ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015

L-inizjattiva ta' Għaxar Snin ta' Inklużjoni tar-Roma 2005-2015 ġiet aċċettata mill-gvernijiet tal-Bulgarija, tal-Kroazja, tar-Repubblika Ċeka, ta' l-Ungerija, tal-Maċedonja, tar-Rumanija, tas-Serbja u tal-Montenegro, u tas-Slovakkja fi Frar 2005. Hija sostnuta mill-Istitut għal Soċjetà Miftuħa, il-Bank Dinji u numru ta' organizzazzjonijiet internazzjonali oħrajn.

L-inizjattiva, li ser tibqa' fis-seħħ sa l-2015, hija intenzjonata sabiex timla l-ispazju bejn ir-Roma u l-bqija tal-popolazzjoni fil-pajjiżi konċernati. Il-grupp ta' tmexxija internazzjonali, magħmul minn rappreżentanti tal-gvernijiet involuti, sponsor internazzjonali u r-Roma nnifishom, identifika erba' oqsma ta' prijorità għal azzjoni – l-edukazzjoni, l-impjieg, is-saħħa u l-*housing* – flimkien ma' tliet kwistjonijiet saljenti – il-faqar, id-diskriminazzjoni u s-sess.

### Sostenn għar-Roma taħt il-Programm PHARE

L-għan tal-Programm PHARE huwa sabiex jgħin pajjiżi fl-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant sabiex jaħdmu fuq problemi ekonomiċi u soċjali u sabiex jgħin fil-preparazzjoni għad-dħul fl-UE. Sa mill-1998, aktar minn 100 miljun Euro fi flus PHARE ġew iddedikati għal proġetti għal titjib tas-sitwazzjoni tal-minoritajiet Roma f'pajjiżi fejn jirrapreżentaw parti kbira mill-popolazzjoni. Ammonti sinifikanti għadhom jiġu minfuqa fil-Bulgarija u fir-Rumanija fi programmi fejn ir-Roma huma l-benefiċjari prinċipali, bosta minnhom attivament jinvolvu r-Roma fl-implimentazzjoni tagħhom.

Per eżempju, il-proġett dwar 'L-aċċess għall-edukazzjoni għal gruppi żvantaġġjati' fir-Rumanija, koordinat mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Riċerka, huwa intiż sabiex jibdel prattiċi edukazzjonali li jinvolvu l-ispetturi ta' skejtel tar-Roma bħala konnessjoni bejn l-awtoritajiet edukattivi u dawk li jgħallmu (aktar eżempji jinsabu fuq): [http://www.europa.eu.int/comm/enlargement/phare\\_evaluation\\_pdf/revised\\_minorities\\_thematic\\_raw\\_161204.pdf](http://www.europa.eu.int/comm/enlargement/phare_evaluation_pdf/revised_minorities_thematic_raw_161204.pdf).

## Sostenn għar-Roma taħt il-Fondi Strutturali

Il-Fond Soċjali Ewropew (ESF), li huwa wieħed mill-Fondi Strutturali ta' l-UE isostni numru ta' proġetti kemm fl-Istati Membri 'ġodda' u 'qodma', sabiex jiġi ameljorat l-aċċess tar-Roma, fost gruppi oħrajn li huma żvantaġġjati, fix-xogħol, b'mod speċjali permezz ta' edukazzjoni u taħriġ aħjar. Eżempju saljenti huwa l-proġett ACCEDER fi Spanja, li huwa parti mill-Programm inter-reġjonali tal-*Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni*, intiż sabiex jiġġieled problemi ta' gruppi żvantaġġjati fis-suq tax-xogħol. L-oġġettiv tal-proġett huwa sabiex jidħlu 4,000 Roma f'impjeg minn meta jispiċċa fl-2006 billi:

- jgħin hom jiksbu kwalifiki professjonali;
- jadattaw irwieħhom għal programmi u servizzi għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom;
- titqajjem kuxjenza tad-diskriminazzjoni mġarrba mir-Roma u titjib tal-mod li jidhru mill-pubbliku in ġenerali;
- jiġu inkoraġġuti miżuri aktar attivi sabiex jiġu ameljorati l-kondizzjonijiet ta' l-għajxien tagħhom u l-aċċess tagħhom għas-servizzi pubbliċi.

Barra minn dan, numru vast ta' proġetti għall-għajnuna tar-Roma ġew sostnuti mill-Inizjattiva EQUAL, li hija ffinanzjata mill-ESF sabiex tinkoraġġixxi viżjonijiet innovattivi għat-titjib tas-sitwazzjoni ta' dawk żvantaġġjati fis-sejbien ta' xogħol. Bejn l-2001 u l-2004, 45 mill-proġetti li ngħataw fondi kienu mmirati jew għar-Roma biss jew għar-Roma flimkien ma' gruppi żvantaġġjati oħrajn (ara l-Kaxxa għal eżempji). Fir-rawnd il-ġdid tal-programm EQUAL li jibda fl-2005, madwar 80 proġett ġdid huma diretti sabiex jassistu lir-Roma.

### Eżempji tal-proġetti EQUAL

Fl-Awstrija, il-proġett 'Mri Buti' kien intiż sabiex jgħin lir-Roma jsibu xogħol fir-reġjun tal-Burgenland permezz ta' gwida u kunsill. Fl-Ungerija, irġiel u nisa Roma ġew imħarrġa sabiex jagħmlu xogħlijiet li kien hemm bżonn lokali għalihom, bħalma huma bennejja u kura tat-tfal. Fil-Ġermanja, ġie implimentat proġett sabiex jiġu eżaminati viżjonijiet ġodda għall-kwalifikazzjoni għal xogħol mir-Roma u Sinti – bħala medjaturi fl-edukazzjoni jew is-*social work*, per eżempju. Fi Franza u fl-Irlanda, membri tal-komunitajiet tar-Roma u tal-vjaġġaturi qed jiġu megħjuna sabiex jistabbilixxu negozji ġodda.





## Roma fi Brussell – Livia Járóka, MEP

Livia Járóka kienet l-ewwel Membru tal-Parlament Ewropew Roma mill-Istati Membri l-ġodda meta ġiet eletta f'Ġunju 2004. Hija antropoloġista soċjali, li qed tagħmel dottorat fil-University College London dwar in-minoritajiet etniċi. Tara lilha nnifsha, l-ewwel u qabel kollox, bħala rappreżentant Parlamentari tal-poplu Ungeriż, imma peress li bosta huma Roma, tara wkoll ir-rwol tagħha bħala medjatur bejn il-korpi differenti konċernati mill-kwistjonijiet Roma fil-livell ta' l-UE u gruppi rappreżentattivi li jaħdmu f'dawn l-oqsma fil-prattika.

*“Hija tgħid ‘Hemm injoranza kbira dwar ir-Roma, minħabba l-isterjotipizzazzjoni, jiġu kkunsidrati bħala grupp uniformi, li għandhom identità komuni u l-istess karatteristiċi, li huma romantizzati bil-kbir jew estremament negattivi. Fil-fatt, il-ftit miljuni tar-Roma fl-Ewropa huma diversi bħal kull grupp etniku ieħor, b'isna, kulturi u ċirkostanzi lokali differenti kif ukoll ħiliet u kapaċitajiet differenti. Li għandhom sens komuni ta' l-identità bħala żingari, hija għaliex għandhom l-istess esperjenza ta' diskriminazzjoni u esklużjoni. Hemm bżonn li tinbidel il-perċezzjoni ġenerali taż-żingari u sabiex l-immaġni ta' dawn in-nies tiġi ċċarata, sabiex tiġi misjuba r-realtà flok l-isterjotip.”*

Din il-perċezzjoni simplifikata u falza wasslet, skond Livia, għal informazzjoni mhix korretta dwar dawn in-nies. *“Diskriminazzjoni kontra r-Roma jew kwistjonijiet kulturali għandhom jiġu ffaċċjati per se, mal-miżuri partikolari mmirati għalihom. Problemi mġarrba mir-Roma fl-edukazzjoni, impjeg, kura tas-saħħa u 'housing' għandhom jiġu kkunsidrati mhux min-naħa ta' kif jarawha r-Roma iżda fuq kif inhuma l-affarijiet fir-realtà. L-għan, fi kliem ieħor huwa, li politika tiegħu l-kors tagħha sabiex ikun assigurat li kullħadd ikollu aċċess ugwali għal edukazzjoni tajba, xogħol diċenti, livell għoli ta' kura tas-saħħa u dan irrispettivament mill-oriġini etnika tagħhom”.*

Hija temmen li mod importanti kif tinbidel l-immaġni tar-Roma hu li r-Roma jkunu involuti kemm fil-politika u fil-midja. *“Irrid nara aktar Roma involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet u għal dan naħdem mill-qrib ma' l-NGOs u ma kull min jikkontribwixxi għat-titjib tar-Roma, irrispettivament mill-partit tagħhom. F'dan ir-rigward, naħseb illi l-programm ta' internship mibdi mill-Kummissjoni Ewropea bis-sostenn ta' l-Istitut għal Soċjetà Miftuħa huwa inizjattiva tajba u parti mill-proċess li jinħolqu traineeships simili fil-Parlament.”*

*“Il-midja hija wkoll qasam fejn il-preżenza akbar tar-Roma hija kruċjali. Hemm immaġini tal-midja rigward ir-Roma li huwa ħażin u inaċċettabbli fejn ir-Roma huma murija bħala theddida għas-sigurtà nazzjonali. 'Nara l- 2007 li hija s-Sena għal Opportunitajiet Indaq bħala opportunità akbar sabiex tinbidel il-perċezzjoni ġenerali tar-Roma. Aħna qed naħdmu diġà fuq l-iżvilupp ta' ideat u inizjattivi sabiex jiġi assigurat illi s-Sena għal Opportunitajiet Indaq ikollha effett reali.”*

Żewġ partijiet oħrajn tal-Fondi Strutturali – il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF) u l-Fond Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija Agrikola (EAGGF) – jappoġġjaw ukoll firxa ta' programmi li jibbenefikaw minnhom ir-Roma kif ukoll nies oħra f'żoni żvantaġġati. L-ERDF hija ta' għajjnuna għall-iffinanzjar tal-bini ta' toroq u infrastruttura bażika oħra, bħalma huma l-forniment ta' ilma nadif u sistemi tad-drenaġġ, u renovazzjoni ta' skejjel u sptarijiet kif ukoll il-ħolqien ta' negozji żgħar, filwaqt li l-EAGGF qed jipprovdri sostenn għall-komunitajiet f'żoni rurali.



## PROGRAMM TA' AZZJONI KOMUNITARJA – FOKALIZZAZZJONI FUQ IR-ROMA

Il-Programm ta' Azzjoni tal-Komunità, imwaqqaf sabiex isaħħaħ il-liġijiet il-ġodda li huma kontra d-diskriminazzjoni, jikkumplementa l-proġetti li qed jiġu sostnuti mill-Fondi Strutturali. Il-ġlieda kontra l-problemi esperjenzati mir-Roma għall-aċċess għal edukazzjoni u impjeg ġew identifikati bħala prijoritajiet għal fondi taħt il-Programm. Barra minn dan, organizzazzjonijiet Roma kienu inkoraġġuti japplikaw għal sostenn finanzjarju għal proġetti f'oqsma oħra ta' prijorità, bħalma huma żvilupp ta' kooperazzjoni bejn NGOs, taħriġ ta' avukati għad-difiża tad-drittijiet ta' dawk esposti għal diskriminazzjoni u l-iżvilupp ta' mezzji għall-monitoraġġ tad-diskriminazzjoni (lista ta' proġetti sostnuta mill-Programm ta' Azzjoni tista' tinsab fuq: [http://www.europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/callspt/result006\\_en.htm](http://www.europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/callspt/result006_en.htm))

Ħames proġetti jindirizzaw problemi speċifiċi esperjenzati mir-Roma u jinvolvu organizzazzjonijiet minn diversi pajjiżi ta' l-UE bħalissa qed jiġu sostnuti mill-Programm (ara l-Kaxxi dwar dan).



Proekti e Evropejskone  
sindikalnove  
komitetoskoro ašal o  
sikljovipe

### Żvilupp ta' Edukazzjoni mhux Diskriminatorja ta' Kwalità għal Tfal Roma

Il-proġett huwa intiż għat-tqajjim ta' kuxjenza dwar il-problemi iffaċċjati mit-tfal Roma u tal-ħtieġa sabiex dawn jiġu miġġielda. Dan huwa indirizzat għall-għalliema u t-trejdjunjins tagħhom, l-awtoritajiet edukattivi u ġenituri u huwa intiż għat-titjib tal-kwalità ta' l-edukazzjoni kif ukoll tal-bidla politika.

*“Sar ħafna fil-livell Ewropew sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni kontra r-Roma fl-Ewropa tal-Lvant, qalet Elena Jenaro, project manager, imma dan huwa l-ewwel proġett għal titjib ta' l-edukazzjoni tat-tfal Roma li jinvolvi trejdjunjins ta' l-għalliema. It-tfal Roma huma parti importanti għall-futur ta' dawn is-soċjetajiet u t-trejdjunjins ta' l-għalliema għandhom rwol sinifikanti f'dan ir-rigward.”*

Eżitu konkret ikun il-preparazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali b'linji gwida għat-trejdjunjins sabiex jiġu segwiti fin-negożjati tagħhom ma' l-awtoritajiet edukattivi. Huwa intiż ukoll għall-iżvilupp ta' *toolkit* għat-taħriġ ta' għalliema dwar kif tiġi ntraċċata d-diskriminazzjoni u miġġielda. L-għan huwa li jiġu mħarrġa 75 għalliem fil-bidu sabiex jużaw it-*toolkit* u sabiex kull wieħed minn dawn iħarrġu mill-anqas 10 oħra, sabiex fl-aħħar tal-proġett 'il fuq minn 750 ikunu ġew imħarrġa.

**Kap:** Kumitat Ewropew tat-Trejdjunjins għall-Edukazzjoni – ETUCE

**Imsieħba:** Algemene Onderwijsbond, PODKREPA Trejdjunjin, Trejdjunjin tal-Ħaddiema fl-Edukazzjoni u x-Xjenza fis-Slovakkja, Unjoni ta' l-Għalliema Demokratiċi fl-Ungerija, Trejdjunjin ta' l-Għalliema Ungeriżi, Trejdjunjin ta' l-Għalliema Bulgari

**Informazzjoni:** Elena Jenaro, *project manager*, fuq [Elena.jenaro@csee-etu.org](mailto:Elena.jenaro@csee-etu.org)

## Parteċipazzjoni tar-Roma u Sintu għal Politika Effettiva fl-Impjeg u fl-Edukazzjoni

Il-proġett iġib flimkien grupp divers ta' NGOs fil-Bulgarija, fir-Repubblika Ċeka, fl-Ungerija, fl-Italja u fis-Slovakkja, kull wieħed konċernat fit-tmexxija tad-drittijiet tar-Roma f'oqsma differenti. Iż-żewġ oġġettivi prinċipali huma sabiex jiġu żviluppati politiki fuq terminu twil sabiex tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni sistematika kontra r-Roma u Sintu fl-edukazzjoni u fl-impjeg u sabiex tikber il-kapaċità u l-kunfidenza ta' NGOs sabiex jipparteċipaw fl-arena politika bħala difensuri tad-drittijiet tal-Komunitajiet Roma.

*"L-intenzjoni, qalet Savelina Danova, project manager, hija sabiex jikbru l-ħiliet ta' l-attivisti tar-Roma u Sintu u sabiex jidhru permanentement fl-isfera tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi sabiex jiġi assigurat illi l-politiki huma konfomi ma' l-esiġenzi u l-ħteġiet tar-Roma u Sintu nnifishom."*

L-għan prinċipali huwa s-sostenn tal-proġett wara li l-perjodu ta' fondi ta' l-UE jspiċċa. L-oġġettivi tal-proġett jinkludu d-dokumentazzjoni tad-diskriminazzjoni kontra r-Roma fl-impjeg u fl-edukazzjoni u l-evalwazzjoni ta' programmi tal-gvern rigward l-edukazzjoni tar-Roma. Dan jifforma l-bażi tar-rakkommandazzjonijiet tal-politika, li min-naħa l-oħra jkun il-qalba tax-xogħol tal-lobbying futur għat-tiħiħ tal-politika f'dawn l-oqsma.

**Kap:** Il-Federazzjoni Internazzjonali ta' Helsinki

**Imsieħba:** Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma u l-Uffiċċju Ewropew għall-Infommazzjoni tar-Roma

**Informazzjoni:** Savelina Danova, *project manager*, fuq [savelina.danova@errc.org](mailto:savelina.danova@errc.org)



## TRANSPOSE – Netwerk li Jsostni n-Netwerk tad-Difiża tar-Roma Vjaġġaturi Sabiex Tkun Organizzata u Assigurata l-Ugwaljanza

Il-proġett huwa assoċjazzjoni konġunta tal-Moviment tal-Vjaġġatur Irlandiż, iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma u l-Kumitat Taljan Helsinki u jinvolvi 5 pajjiżi (l-Irlanda, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, l-Ungerija u l-Italja). L-oġġettivi huma sabiex:

- titqajjem kuxjenza rigward id-diskriminazzjoni kontra l-Vjaġġaturi u r-Roma fost min jieħu d-deċiżjonijiet politiċi u korpi speċjalizzati kif ukoll fis-soċjetà in ġenerali;
- tagħmel il-Vjaġġaturi u r-Roma aktar kuxjenti mill-protezzjoni legali fis-seħħ tal-mezzi disponibbli sabiex tkun miġġielda d-diskriminazzjoni;
- żieda fis-solidarjetà fost il-Vjaġġaturi u r-Roma fit-tentattivi tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni;
- taħriġ ta' netwerk ta' avukati mħarrġa għall-vjaġġatur u r-Roma li jistgħu jaħdmu u jiġi assigurat illi d-Direttivi ta' l-UE dwar l-Ugwaljanza jiġu applikati fil-livell lokali.

Skond Anne Jennings-Tauciene, *"Il-programm TRANSPOSE jipprovdi opportunità unika għall-vjaġġatur u r-Roma sabiex jikseb il-ħiliet sabiex jiddefendi l-komunitajiet tiegħu. L-inizjattiva hija dwar it-tiħiħ permezz ta' l-aċċess għall-infommazzjoni u għalhekk l-aċċess għad-drittijiet. L-għan huwa li jiġi msaħħaħ netwerk b'saħħtu lokali fil-post minn difensuri tal-komunità li jużaw il-ħiliet miksuba permezz tat-taħriġ TRANSPOSE bħala riżors effettiv għall-komunitajiet tagħhom."*

**Kap:** Il-Moviment Irlandiż tal-Vjaġġatur

**Imsieħba:** Iċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma u l-Kumitat Taljan Helsinki

**Informazzjoni:** Anne Jennings-Tauciene, *project manager*, fuq [communityadvocacy@hotmail.com](mailto:communityadvocacy@hotmail.com)



ROMA  
EDEM

Promotion  
of Roma/Traveller  
Integration and  
Equal Treatment  
in Education  
and Employment

## Roma Edem – Promozzjoni rar-Roma/ Integrazzjoni tal-Vjaġġatur u Trattament Ugwali fl-Edukazzjoni u fix-Xogħol

L-għan ġenerali tal-proġett huwa sabiex jitnaqqas l-ispazju bejn il-leġislazzjoni u l-prattika ta' kontra d-diskriminazzjoni rigward ir-Roma u jiġi assigurat illi kwistjonijiet tar-Roma huma sodi fuq l-aġenda politika ta' l-UE. L-intenzjoni hija sabiex jiġi promoss is-sens ta' anti-diskriminazzjoni fis-servizzi pubbliċi, sabiex titqajjem kuxjenza fost figuri fis-setturi pubbliku u privat, sabiex jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' assoċjazzjonijiet u komunitajiet tar-Roma, b'mod speċjali tan-nisa, sabiex jiġu difiżi d-drittijiet bażiċi tagħhom u jiġi assigurat illi informazzjoni dwar ir-Roma u Vjaġġaturi u l-kultura tagħhom tkun korretta u bla sterjotipi.

*“L-attivitajiet għall-fażi ta' implimentazzjoni ta' sentejn, tgħid Cristina Domínguez Robles, project manager, jinkludu seminars dwar it-trattament ugwali fl-edukazzjoni u fl-impjieġ fil-pajjiżi kollha involuti indirizzati lejn l-assoċjazzjonijiet tar-Roma u l-Vjaġġatur, seminars internazzjonali dwar il-monitoraġġ ta' leġislazzjoni u politika ta' kontra d-diskriminazzjoni fil-livell lokali, il-produzzjoni u t-tqassim ta' materjal għar-Roma li jipprovdi informazzjoni dwar id-drittijiet u l-ugwaljanza, riżorsi, u eżempji ta' Prattika tajba bl-Ingliż, bl-Ispanjol, bil-Portugiż, biċ-Ċek, bl-Ungeriż u bir-Rumen kif ukoll bir-Romano.”*

**Kap:** Fundación Secretariado General Gitano

**Imsieħba:** il-Kummissjoni għall-Ugwaljanza ta' l-Irlanda ta' Fuq, il-Kummissarjat Għoli għall-Immigrazzjoni u Minoritajiet Etniċi fil-Portugall, il-Kummissjunarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Minoritajiet Etniċi u Nazzjonali fl-Ungerija, id-Dipartiment ta' l-Uffiċċju tal-Gvern għad-Drittijiet tal-Bniedem tar-Repubblika Ċeka, il-Kunsill Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Diskriminazzjoni fir-Rumanija, u s-CRISS Romani fir-Rumanija.

**Informazzjoni:** Cristina Domínguez Robles, *project manager*, fuq [gabinete@fsgg.org](mailto:gabinete@fsgg.org)



## RomEco – Roma u s-Suq tax-Xogħol

*“Il-maġġoranza tal-politika u l-proġetti diretti għall-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali tar-Roma fl-Ewropa jiffokaw fuq kwistjonijiet kulturali”, jgħid Jochen Blaschke, project manager “u għad hemm nuqqas ta’ politika ffokata fuq l-integrazzjoni tar-Roma madwar l-Ewropa”.*

Il-proġett huwa intiż għall-analiżi tas-sitwazzjoni tar-Roma fis-suq tax-xogħol f'erba' pajjiżi, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja u l-Italja, u l-eżami tal-programmi ta' taħriġ vokazzjonali għall-integrazzjoni tar-Roma fl-ekonomija. L-oġġettiv prinċipali huwa li jiġi stabbilit netwerk ta' esperti dwar id-diskriminazzjoni, is-swieq tax-xogħol, it-taħriġ vokazzjonali u l-kwistjonijiet tar-Roma, inklużi Roma nnifishom, sabiex jiġu skambjati viżjonijiet u ideat sabiex jiġu identifikati kondizzjonijiet prinċipali għas-suċċess tal-politika ta' integrazzjoni.

Għan ulterjuri huwa li jiġu żviluppati viżjonijiet oħrajn għal taħriġ vokazzjonali sabiex tikber l-integrazzjoni tar-Roma fis-suq tax-xogħol. Barra minn dan, opuskoli u pubblikazzjonijiet oħra jiġu magħmula sabiex tikber il-kuxjenza pubblika tas-sitwazzjoni tar-Roma.

**Kap:** Berliner Institut für Vergleichende Sozialforschung (BIVS) fil-Ġermanja

**Imsieħba:** Università degli Studi di Firenze, Dipartimento di Scienze dell' Educazione fl-Italja, Assoċjazzjoni Dzeno fir-Repubblika Ċeka u Studii Romani fil-Bulgarija

**Informazzjoni:** Jochen Blaschke, *project manager* fuq [jochen.blaschke@emz-berlin.de](mailto:jochen.blaschke@emz-berlin.de); Guillermo Ruiz, *project coordinator*, fuq [guillermo.ruiz@emz-berlin.de](mailto:guillermo.ruiz@emz-berlin.de)

### Sostenn għan-netwerk Roma

Il-programm ta' azzjoni Komunitarju qed jagħti wk oll sostenn finanzjarju lil netwerk li jirrappreżenta

l-interessi tar-Roma fil-livell ta' l-UE. Dan huwa intiż bħala mezz tar-rappreżentanti tar-Roma u min jagħmel il-politika sabiex jikkomunikaw u jikkonsultaw lil xulxin. L-għan huwa li kwistjonijiet 'mainstream' tar-Roma – jiġifieri dak li jiġi assigurat, fi kliem ieħor, illi l-interessi tar-Roma jiġu meħuda fil-kuntest tal-politika kollha li taffettwahom. (Dettallji tat-termini ta' referenza jinsabu fuq: [http://europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/callspt/calls\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/callspt/calls_en.htm)).





## Roma fi Brussell - Viktória Mohácsi, MEP

Qabel ma' ġiet eletta f'Diċembru 2004, Viktória Mohácsi kienet il-Kummissjarju Responsabbli għad-disegregazzjoni ta' tfal Roma fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni Ungeriż u qabel dan fiċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma f'Budapest. L-identità tagħha ta' Roma hija r-raġuni prinċipali li wasslitha sabiex tkun MP peress li għandha missjoni ċara sabiex tiġġieled għan-nies Roma.

*“Għalkemm aħna r-Roma aħna grupp divers ħafna fl-Ewropa, naqsmu identità komuni, kultura u lsien komuni, anke jekk hemm bosta djaletti. L-identità tal-grupp tagħna hija wkoll imsaħħa minn sekli ta' diskriminazzjoni. Minħabba li nħossuna mhedda, għandna t-tendenza li nibqgħu fil-komunitajiet tagħna u niżolaw lilna nfusna minn nies oħra fil-pajjiżi fejn ngħixu.”*

Għandha viżjoni ċara dwar dak li huwa neċessarju sabiex isir titjib prinċipali fis-sitwazzjoni tar-Roma madwar l-Ewropa. *“Is-soċjetà ċivili tista' titkellem imma l-gvernijiet huma l-atturi prinċipali għat-teħid ta' azzjoni. Għalkemm, in ġenerali, it-tendenza hija li l-gvernijiet jiffokaw fuq l-aspetti kulturali tal-kwistjoni tar-Roma, dwar il-promozzjoni tal-folklor Roman, li huwa kkunsidrat bħala popolari u sigur f'termini politiċi u ħafna flus huma minfuqa fuq inizjattivi f'dan il-qasam. Ftit li xejn isir sabiex jiġu integrati r-Roma fis-soċjetà u ftit huwa minfuq fuq l-edukazzjoni, housing, jew impjeg li huma prinċipali f'dan il-lat. Meta n-nies huma rrabjati ma jridux jiżfnu.*

L-edukazzjoni hija qasam kruċjali u wieħed prinċipali. *Is-sitwazzjoni rigward l-edukazzjoni hija simili fil-pajjiżi kollha irrispettivament mill-qies tal-popolazzjoni Roma; anke fil-Finlandja, jekk m'iniex żbaljata, hemm anqas minn għaxart elef Roma, bosta tfal Roma jattendu skejjel għal tfal bi problemi ta' tagħlim. Fl-Ungerija, 30% tat-tfal fl-età ta' bejn 6-14 jattendu skejjel speċjali. Fl-opinjoni tiegħi, dan huwa olokawst mentali għal min jiggradwa minn dawn l-iskejjel: jirċievu livell ta' edukazzjoni baxx u l-istandard tat-tagħlim effettivament ma jippermettilhomx it-kompliġa ta' edukazzjoni superjuri. Allura, jiffaċċjaw problemi jew ikun impossibbli li jsibu xogħol u jispiċċaw jgħixu fuq il-benefiċċji soċjali. Il-fatt illi bosta Roma m'humix impjegati huwa dovut għas-sitwazzjoni soċjali u d-diskriminazzjoni imma aktar minħabba nuqqas ta' edukazzjoni.*

*Fl-2002, il-gvern Ungeriż nieda politika ta' desegregazzjoni tat-tfal Romani fl-iskola sabiex jintegrahom fis-sistema ta' l-edukazzjoni prinċipali mill-2006. Qabel dan, saru sondaġġi mal-ġenituri dwar kif iħossuhom dwar il-proposta. Filwaqt li kważi nofs sostnew l-idea ta' integrazzjoni, 94% qalu ma jridux li uliedhom joqogħdu bilqiegħda maġenb tfal Romani.*

*Nara li bħala MEP ir-rwol tiegħi huwa ta' komunikatur bejn l-UE u l-poplu li jaħdem fil-prattika sabiex iżommhom aġġornati bl-iżviluppi. Nemmen li l-UE hija importanti għaliex tista' tagħmel pressjoni fuq il-gvernijiet sabiex tiġi meħuda azzjoni. L-għan tiegħi huwa li jiġi assigurat li t-tfal kollha jkollhom l-istess dritt għall-edukazzjoni ta' kwalità irrispettivament mill-viċinanzi u jkunu ferħana meta nara leġislazzjoni dwar id-desegregazzjoni adottata sa l-aħħar tal-mandat tiegħi.*

*Jiena ottimista ħafna dwar l-inizjattiva ta' l-Għaxar Snin ta' Inklużjoni tar-Roma imma huwa importanti illi l-NGOs involuti jpoġġu l-fondi f'oqsma reali u importanti u fi programmi li jistgħu jwasslu għal differenza.”*

## Skema ta' Internship għall-Gradwati Roma

F'Novembru 2004, il-Kummissjoni nidi skema ta' 'internship', sponsorizzata mill-Istitut għal Soċjetà Miftuħa, sabiex jiġi pprovdut taħriġ fil-post għal 10 gradwati universitarji Roma fl-2005 fis-servizzi tal-Kummissjoni. L-*internships* ta' tliet xhur il-wieġed, huma miftuħa għall-kandidati mill-Istati Membri l-ġodda (flief Ċipru u Malta), il-Bulgarija, ir-Rumanija, il-Kroazja, il-Maċedonja, is-Serbja-Montenegro u t-Turkija. L-għan huwa sabiex tingħata idea ġenerali lil dawk involuti ta' l-għanijiet ta' l-integrazzjoni Ewropea, għarfien Prattiku tax-xogħol tal-Kummissjoni u esperjenza personali u kuntatti li huma utli għall-karriera futura tagħhom.



### L-*internships* Roma

Skond Odile Quintin, Direttur Ġenerali għall-Impjigi u Affarijiet Soċjali, l-iskema tippermetti lill-gradwati konċernati *“sabiex ikunu jafu aktar dwar kif taħdem il-Kummissjoni u sabiex jikkontribwixxu għall-ħsieb tagħna ... (dan) jibbenefikaw minnu nies żgħażaġh u l-komunitajiet tagħhom, imma wkoll ikun ta' benefiċċju kbir għalina bħal fejn nikkonsidraw id-direzzjoni futura tagħna”*.

L-erba' gradwati Roma li ġew magħżula għall-*internships* li jibdew fl-1 ta' Mejju 2005 huma 'reporter' mit-Televiżjoni Nazzjonali Bulgara, espert legali Rumani li ħadem għall-Fondazzjoni għat-Tibdil Demokratiku f'Bucharest u fiċ-Ċentru Ewropew għad-Drittijiet tar-Roma f'Budapest, konsulent f'numru ta' organizzazzjonijiet fuq kwistjonijiet tar-Roma u koordinatur tat-tqarrib Komunitarju.

Radostina Chaprazova, gradwata fix-xjenzi politiċi mill-American University fil-Bulgarija, li ser tiegħu *internship* fid-DG Employment, qalet illi *“l-internship huwa opportunità straordinarja għalija imma wkoll sfida kbira. Tgħinni nsib jekk nistax nikkontribwixxi għad-difiża tad-drittijiet ta' niesi u jekk iniex fid-direzzjoni t-tajba tal-karriera tiegħi. Il-Bulgarija hija l-punt fejn jiltaqgħu reliġjonijiet, entijiet u nazzjonalitajiet differenti. Imma hemm ostilità bil-miftuħ lejn ir-Roma, espressa wkoll fin-nuqqas ta' rieda li wieġed jikkomunika, aktar u aktar li wieġed jgħix fil-viċinanzi jew li jħalli t-tfal jattendu l-istess skola. Eluf ta' Roma jgħixu fil-miżerja, separati f“ghettoes” mill-bqija tal-komunità f'kundizzjonijiet inaċċettabbli li jeħtieġu jinbidlu u l-missjoni tiegħi hija sabiex ngħin sabiex il-bidla sseħħ”*.

Il-Kummissjoni Ewropea

**Ugwaljanza u non-diskriminazzjoni – Rapport Annwali 2005**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2005 – 36 pp. – 21 x 29,7 cm

ISBN 92-894-9458-1

## **BEJGĦ U ABBONAMENTI**

Il-pubblikazzjonijiet bi ħlas editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet jinsabu għand l-aġenti tagħna mad-dinja kollha.

***Kif nakkwista pubblikazzjoni?***

Wara li takkwista l-lista ta' l-aġenti tagħna, ikkuntattja l-aġent li tixtieq u agħmel l-ordni tiegħek.

***Minn fejn nakkwista l-lista ta' l-aġenti?***

- Ikkonsulta s-sit fuq l-internet ta' l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet. <http://publications.eu.int/>
- Jew inkella tista' tordna kopja stampata bil-fax(352) 2929-42758.



Informazzjoni addizzjonali rigward politiki ta' l-UE dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni hija disponibbli mill-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea  
Direttorat-Ġenerali għall-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq  
Taqsim D.3  
B-1049 Brussell

[empl-antidiscrimination@cec.eu.int](mailto:empl-antidiscrimination@cec.eu.int)

Jew ara s-sit ta' l-internet tagħna:

[http://europa.eu.int/comm/employment\\_social/fundamental\\_rights/index\\_en.htm](http://europa.eu.int/comm/employment_social/fundamental_rights/index_en.htm)

Is-sit ta' l-internet tal-kampanja "Għad-diversità – Kontra d-Diskriminazzjoni"

<http://www.stop-discrimination.info>